Is-Sbatax-il sena Jannar-Marzu, 1947. Għadd 191-193.

# Leħen il-Malti

**MAHRUĠ**

**MILL-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').**

**BIS-SAHHA TAL-MALTI NINGHAQDU**
**BIL-MALTI JINGHAQAD GVERN MALTI.**

## X'FIH DAN IL-GHADD:

| | |
|---|---|
| Editorjal | Prof. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). |
| *Ħdejn il-Ġnien ta' Tfuliti* | A. ZAMMIT GABARRETTA |
| Ix-Xlendi | KARM. AQUILINA |
| *Waħdek* | ĠUŻE' ELLUL MERCER |
| *Saħħara* | A. CREMONA |
| *Il-Maqdes ta' Venus* | A. BUTTIGIEG, B.A., LL.D. |
| Il-Malti u Ilsna oħra | ĠORĠ CASSAR |
| *Il-Mewt ta' Ibni* | ĠORĠ CHETCUTI |
| *Id-Daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm* | KARM. MUSCAT |
| Studju fuq il-Poeżija "Il Cinque Maggio" ta' A. Manzoni u l-Poeżija "Expiation" ta' V. Hugo | G. ZARB COUSIN |
| *Mistoqsijiet* | ANTOINE DE PARES |
| *Notturn II* | MARCELL MIZZI |
| Kliem u Għidut it-Tfal | Ġ. CASSAR PULLICINO |
| Reċensjonijiet | G. C. P. |

# LEHEN IL-MALTI

JAN.-MARZU, 1947 IS-SBATAX-IL SENA Għadd 191-193

# *IL-KITBA TAL-PROZA*

(*Editorjal tal-* Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

*L-ITQAL hu mhux li tagħraf ħaġa minn oħra, ngħidu aħna għasfur minn siġra, lewn aħmar minn lewn iswed, imma li tfisser x'inhija n-natura li tagħżel ħaġa minn oħra. Ħaġa tassew ħafifa tagħżel il-lewn aħmar mil-lewn iswed; imma kemm hi ħaġa tqila twieġeb il-mistoqsija "X'inhu lewn iswed?" u "x'inhu lewn aħmar?" jonkella "X'inhu għasfur?" jew "X'inhija siġra?" Huwa dejjem tqil li tagħti definizzjoni tajba u sħiħa ta' ħaġa jew ħjiel. Fost il-kliem tqil biex tagħti definizzjoni tiegħu, definizzjoni sħiħa li tolqot il-ħsieb kollu mingħajr ma tħalli l-ebda dejl minnu barra, huma ż-żewġ kelmiet Proża u Poeżija. Imma hekk kif wieħed jista' jagħżel il-lewn iswed mil-lewn aħmar mingħajr l-għajnuna ta' ebda definizzjoni, hekk ukoll wieħed jista' jagħżel il-Proża mill-Poeżija mingħajr l-għajnuna ta' ebda definizzjoni. Kull wieħed minna jħoss biżżejjed id-differenza li tgħaddi bejn il-waħda u l-oħra biex jista' jgħid li* Nazju Ellul *u* Ineż Farruġ *huma żewġ xogħlijiet ta' proża Maltija waqt li* Non Omnis Moriar *u* Il-Kelma Maltija *huma żewġ poeżijiet. F'dan is-sens, il-għażla bejn kitba u oħra ma hix tqila. Dak li hu tqil tassew hu li tgħid* xinhu *li jagħmel 'l* Ineż Farruġ *u* Nazju Ellul *proża u* xinhu *dak li jagħmel* Non Omnis Moriar *u* Il-Kelma Maltija *poeżija.*

*Mid-daqqa tal-għajn biss int tintebaħ mill-ewwel li dawn il-kitbiet jingħażlu mil-libsa; jiġifieri tintebaħ li l-libsa tal-poeżija u l-libsa tal-proża m'humiex maqtugħin minn xoqqa waħda. Sa hawn l-għajnejn waħedhom igħinuna biżżejjed. Għajnejna juruna li l-proża tilbes aktar imlaħlaħ mill-poeżija u li l-poeżija tilbes libsa aktar marbuta ma' ġisimha, maqtugħa u mfassla fuq qisien magħduda. Il-proża, li għedna tilbes imlaħlaħ, m'għandhiex, bħall-poeżija, qisien magħduda; mhix bħalha mkejla bil-qasba,*

*bin-nofs qasba u b'qisien oħra li għandhom ismijiet tagħhom fil-Prosodija. Imħabba f'hekk il-poeżija għandha inqas libertà għax jekk ma toqgħodx għall-kejl u l-qisien ma tibqax liebsa l-libsa li tixirqilha. Imma l-libsa biss mhix biżżejjed biex tgħidilna x'inhu dak li jagħżel il-poeżija u l-proża minn xulxin. Kieku kellna nsaqsu lil xi ħadd x'jagħżel iż-żewġ sessi minn xulxin u jweġibna li jingħażlu mill-libsa kulħadd kien jintebaħ li mhux biss ma taniex tweġiba sħiħa imma li lanqas biss semmielna l-akbar firdiet li jagħżlu sess minn ieħor. Kieku kellna nikkuntentaw rwieħna bil-libsa bħala sinjal tal-għażla kien ikollna ngħidu li l-proża tinbidel f'poeżija meta tilbes il-libsa tal-poeżija u l-poeżija tinbidel fi proża meta tilbes il-libsa tal-proża. Imma din hi bluha daqs kemm kienet tkun bluha tgħid li ż-żewġ sessi jinbidlu f'xulxin meta s-sess il-wieħed jilbes il-libsa ta' l-ieħor. Meta jiġri dan fost in-nies mhux bdil ta' sessi jkollna imma Karnival. U Karnival ukoll ikollna fil-letteratura meta l-proża u l-poeżija jilbsu l-libsa ta' xulxin.*

*Minn dan li għedna sa issa jidher li biex proża tkun proża u poeżija tkun poeżija jeħtieġ li l-waħda u l-oħra jilbsu l-libsa li tixirqilhom. Minn dan li għedna jidher ukoll li mhix il-libsa, mhix il-qoxra ta' barra li ssawwar il-poeżija jew il-proża imma xi ħaġa oħra, aktar ġewwinija, kif ser nuru aktar il quddiem. Il-poeti ħafna drabi jiktbu proża ħażina mhux għax neqsin mill-immaġinazzjoni u mill-idejat imma għax ilibbsu l-proża tagħhom dik il-libsa għammiexa, imdawwla bil-kwiekeb ta' l-ispirazzjoni, li tixraq lill-poeżija. Dun Karm hu l-ogħla poeta tagħna, imma l-proża tiegħu hi qajla proża kif għandha tinkiteb. Meta taqraha xxomm l-irwejjaħ tqal ta' weraq midbiel maqtugħ minn poeżiji miktuba jew maħsuba. Dun Pietru Pawl Grima u Dun Ġużepp Farrugia t-tnejn kitbu proża tajba imma meta messew il-poeżija ma tawx xogħol tajjeb.*

*Kiteb fuq hekk William Hazlitt fl-essay tiegħu* On the Prose Style of Poets:

"I have an indifferent opinion," *kiteb dan l-awtur Ingliż,* "of the prose style of poets; not that it is not sometimes good, nay excellent; but it is never the better and generally the worse from the habit of writing verse. Poets are winged animals and can't leave the air like birds, with ease to themselves and delight to the beholders; but, like those 'feathered, two-legged things', when they light upon the ground of prose and matter of fact, they seem not to have the same use of their feet." *U żied ifisser*

*ruħu billi jgħid:* "Like persons who have been accustomed to sing to music, they are at a loss in the absence of the habitual accompaniment and guide to their judgment." *Għalkemm dan li qal Hazlitt mhux mingħajr xi eċċezzjonijiet, bħalma kien Alessandro Manzoni, il-poeta taċ-*Cinque Maggio *u l-*Pentecoste *u awtur ta' l-ikbar xogħol ta' proża bit-Taljan* I Promessi Sposi *u l-ktieb* La Morale Cattolica, *hu tassew li l-poeti qajla jirnexxu bħala prożaturi u li l-prożaturi qajla jirnexxu bħala poeti.*

*Minn dan li għedna għandu jidher ukoll li l-essenza tal-poeżija mhix qiegħda biss fil-kejl u t-taqsim tal-versi kif nitgħallmu fil-prosodija, imma fir-ruħ tagħha, fin-natura ta' l-idejat; għax li ma kienx hekk kieku ma konniex nintebħu li l-proża ta' Keats hi l-proża ta' poeta u l-poeżija ta' Dickens hi l-poeżija ta' prożatur. Sir Arthur Quiller Couch, Professur ta' l-Ilsien Ingliż fl-Università ta' Cambridge, li miet m'ilux, fis-seba' taħditiet li għamel lill-istudenti tiegħu, il-lum miġbura fi ktieb, jismu* On the Art of Writing, *fisser xinhuma minn għalih l-aqwa żewġ diffikultajiet tal-proża u tal-poeżija. Dwar il-poeżija kiteb:* "The capital difficulty of verse consists in saying, ordinary unemotional things, of bridging the flat intervals between high moments"; *u dwar il-proża kiteb:* "The capital difficulty consists in saying extraordinary things, in running it up from its proper level to these high emotional, musical moments." *Minn dawn iż-żewġ diffikultajiet tal-waħda u l-oħra, il-qarrej għandu jifhem li l-kitba tal-poeżija u tal-proża tirriflettti f'żewġ mirja l-personalità tal-kittieb, tal-prożatur jew tal-poeta li jkun. Mid-diffikultà taż-żewġ għamliet ta' kitba nistgħu nifhmu wkoll ftit min-natura tal-proża jew tal-poeżija; l-istess kif mid-diffikultà tat-tixbit l-alpinista jista' jieħu idea tal-muntanja li jixxabbat magħha. Min jixxabbat fil-għoli jrid ikollu riġlejh u idejh tajba biex iqabbad. Min idejh u riġlejh mhumiex ta' saħħa m'għandux għax jixxabbat għax jaqa' u jweġġa'. Issa mhux kull min għandu idejh u riġlejh tajba għat-tixbit jiflaħ jixxabbat kull wieħed daqs l-ieħor. Hemm min jiflaħ jasal sa fuq nett, min san-nofs, min ftit iżjed, min ftit inqas, u hemm min ma għandux ħila jitla' 'l fuq minn dejl il-muntanja.*

*Mela, bħal fit-tixbit tal-muntanja, hekk fil-kitba tal-proża u tal-poeżija. Hemm min jitla' sa fuq nett; hemm min jitla' inqas u hemm min jibqa' l-art. M'hemmx bżonn li kull prożatur u kull poeta jilħaq il-quċċata li jilħquha biss il-ġganti tal-ġenju, nies*

*bħal Omeru, Dante, Shakespeare, Virġilju u Goethe. Biżżejjed li l-prożatur, jew il-poeta, jinqata' mill-art bħal għasfur fis-sema ikħal u jisseqqer fuq l-irjus tan-nies mehd'ja bil-kummerċ u t-traffiku tal-ħajja. Imma min bil-versi jew bil-proża ma jinqatax mill-kotra u la jixraqlu l-isem ta' poeta u anqas ta' prożatur.*

*Fil-kitba tal-proża li aħna l-lum għaż'lna bħala s-suġġett tagħna, il-prożatur ma jitkejjilx mill-għadd ta' kliem li jkunu ħarġu mill-pinna tiegħu, imma mill-*kwalità *ta' l-idejat, u tal-ħila tiegħu biex ifissirhom bis-sengħa tal-kitba qawwija. Fl-aħħar mill-aħħar, kull wieħed minna hu prożatur, la darba ħadd minna fis-suq jew fl-uffiċċju ma jitħaddet bħall-poeti. U kieku kellu jkollna stenografu magħna biex iniżżel il-kliem li ngħidu kuljum fit-triq, f'darna, fuq xogħolna, kieku konna nsibu rwieħna, kull wieħed minna, awturi ta' volumi ħoxnin ta' proża. Fi kl'em ieħor u la kemm titkellem u lanqas kemm tiktèb ma jgħodd biex tqis ruħek prożatur; imma kif u x'tikteb. Alessandro Manzoni wera ruħu prożatur mill-aqwa b'rumanz wieħed biss,* I Promessi Sposi. *Minn dak in-nhar 'il hawn, qablu u fi żmienna, kemm romanzieri Taljani kitbu għexieren ta' rumanzi li l-lum intesew għax ma għaddewx mill-għarbiel taż-żmien? Tkun din il-ġrajja twiddiba għal dawk li jqiegħdu l-ħajja tax-xogħol tagħhom mhux fil-kwalità imma fil-kwantità.*

Kwalità! *Din hi kelma li rridu nfissru daqsxejn għat-tul biex naraw u nifhmu aħjar il-ħteġiet ta' kitbet il-proża. Għedt illi kieku stenografu kellu jniżżel kull kelma li ngħidu kuljum fit-triqat, fi djarna jew fuq xogħolna, konna nsibu rwieħna awturi ta' volumi ħoxnin ta' proża. Imma huma awturi ta' proża miktuba u magħrufa u magħżuża l-Kardinal Newman, Silvio Pellico, Victor Hugo, Blasco Ibañez u ħafna kbar oħra. Xinhu mela li jagħżel il-proża ta' dawn l-awturi mill-proża mhix miktuba tal-kliem li ngħidu kuljum jonkella mill-proża miktuba li tidher f'gurnali li taqrahom filgħodu u tarmihom filgħaxija? Xinhu li jagħżel il-proża ta' Giovanni Papini minn ħafna artikoli minsija li dehru fil-*Corriere della Sera, *jol-proża ta' Hilaire Belloc mill-artikoli li dehru fid-*Daily Mail? *Din lx-xi ħaġa kulħadd iħossha, għalkemm, bħall-ġmiel jew bħat-tbissima enimmatika ta' Mona Lisa, ma nistgħux ingħidu xinhi. Kulħadd iħoss li l-għajn li l-prożaturi tajba jimlew minnha mhix il-għajn komuni li minnha kulħadd itella' bramel ta' kliem li jixtered u jintilef. Quiller Couch ma ġabarx* The Oxford Book of English Prose *mill-*

*ġurnali, għalkemm ħafna li jiktbu fihom huma nies ta' l-akbar ħila u tagħlim, imma minn klassiċi li jibdew mill-1326 sas-seklu tagħna; jiġifieri mill-kotba ta' nies li għax kellhom il-ħila jfissru idejiethom sbieħ b'kitba sabiħa baqgħu jinqraw għas-snin kollha ta' wara sal-lum.*

*Tassew, xinhi dik ix-xi ħaġa li, bħalma l-balzmu kien iżomm sħaħ l-iġsma tal-Masrin, żamm ukoll sħaħ il-proża ta' l-eqdem kittieba? Din ix-xi ħaġa li ma tistax tgħid xinhi, tista' ssejħilha* il-kwalità *li toħroġ mill-għaqda ta' erba' elementi, jiġifieri* (1) *immaġinazzjoni qawwija,* (2) *sengħa tal-kelma,* (3) *sensibilità* u (4) *idejiet qawwija u intwizzjonijiet mhux ordinarji. Naraw issa dawn il-ħteġiet waħda waħda.*

*Semmejna l-ewwel* immaġinazzjoni qawwija: *l-arti kollha għandha bħala l-aqwa biċċa xogħol tagħha li tittrasforma, jiġifieri li tagħti għamla oħra, lill-ħwejjeġ li naraw u l-ħsebijiet li naħsbu fil-ħajja ta' kuljum. Ix-xogħol ta' l-immaġinazzjoni tista' għalhekk ixxebbhu lill-effett li għandu d-dawl tal-qamar f'lejla sabiħa tas-sajf meta l-ħolqien jidhrilna mibdul qisu f'ħolma jew seħer li jagħlaq il-bibien tar-realtà u jiftaħ dawk tal-fantasija. Din hi l-akbar ħtieġa mhux biss tal-proża imma tal-poeżija wkoll.*

*Mingħajr immaġinazzjoni ma jistax ikollok poeżija; mingħajr immaġinazzjoni anqas ma jista' jkollok proża letterarja. Jista' jkollok* reportage, *dik il-proża ta' l-aħbarijiet kif joħorġu mill-aġenzija Reuter jonkella l-proża ta 'artikoli li jidhru fil-ġurġurnali dwar il-ħtieġa ta' dan jew dak is-servizz soċjali.* Reportage *iva, imma mhux proża letterarja. Hi l-immaġinazzjoni li ssebbaħ, tibdel u tagħti xejra oħra lir-realtà bħalma jagħti xeħta oħra lir-realtà tal-ħwejjeġ li naraw madwarna kuljum dawl il-qamar mimli f'lejl sajfi bnazzi. L-immaġinazzjoni ma żżidx fil-verità ta' dak li jingħad imma żżewwaq il-libsa li jilbes il-ħsieb biex dan jingħoġob u jiġbed aktar. Għal daqshekk hemm min fil-politika jitbażża' mill-proża mżewqa u ħajja bl-immaġinazzjoni, għaliex jaħseb li l-kelma mirquma tgħammex il-moħħ u torbot ir-rieda b'seħer. Mhux hekk kienu jaħsbu dari. Il-proża ta' Ċiċerun u ta' Demostène għadha magħrufa sa fi żmenijietna għall-ġmiel tal-għidut. Nistgħu naraw id-differenza bejn proża u oħra mid-differenza li tgħaddi bejn taħdita magħmula mill-Maġġur Attlee, il-Prim Ministru Ingliż tal-lum, u Churchill, il-Prim Ministru ta' żmien il-gwerra. Jista' jkun li hemm għaliex fi żmien il-paċi x'uħud jidhrilhom li hu aħjar l-istil għeri ta' At-*

*tlee mill-istil imżejjen ta' Churchill, għax, bħall-inbid qawwi tal-għeneb, dan isakkar u jitla' fir-ras. Imma mbagħad m'hemmx għalfejn toqgħod tistenna l-fehma taż-żmien biex tgħid li Churchill, u mhux Attlee, għad jibqa' jissemma fl-istorja letterarja ta' l-oratorja Ingliża, bħal Edmund Burke u Pitt il-kbir.*

*Imma mbagħad mhux biżżejjed li l-kittieb ikun imżejjen bl-immaġinazzjoni bħalma mhux biżżejjed li jkollok il-lampa jekk din ma fihiex il-ftila wkoll. Għax hekk kif biex tixgħel il-lampa trid qabel tqabbad il-ftila, hekk ukoll in-nar ta' l-immaġinazzjoni biex jixgħel u jħeġġeġ irid ikun imsieħeb mis-*sengħa tal-kelma *li tista' għalhekk issejħilha l-ftila ta' l-immaġinazzjoni. Tabil-ħaqq, kif tista' tqabbad dil-lampa ta' l-immaġinazzjoni mingħajr il-ftila tal-kelma li, mirquma u maħduma, mela taqbad tħeġġeġ f'dija sabiħa? Issa l-kelma biex tkun bis-sengħa trid tinkiteb l-ewwelnett kif titlob il-grammatka, it-tieni nett kif titlob il-morfoloġija u mbagħad kelma tingħaqad ma' oħra u tinbena f'sentenzi skond ir-reguli tas-Sintassi Maltija u s-sentenzi jingħaqdu bejniethom b'mod li minn din il-għaqda u rabta toħroġ l-isbaħ ħlewwa li togħġob il-widna u sserraħ il-moħħ. Dan ix-xogħol jagħmlu l-aħjar min tħarreġ fit-tagħrif ta' l-istilistika jew retorika li l-Latini kienu jsejħu* ars dicendi. *Prożatur tas-sengħa jitqies min, mir-rabta ta' kelma u sentenza ma' kelma u sentenza oħra, għandu ħila joħroġ dik id-daqqa, dik ix-xejra ħelwa li b'kelma griega tissejjaħ* rhutmhós *u bil-Latin* numerus.

*Issa waqt li l-ewwel ħtieġa, jiġifieri l-immaġinazzjoni, hi għatja tan-Natura nfisha, jiġifieri, ħaġa li titwieled biha u mhux iġġibha bl-istudju, it-tieni ħtieġa ġġibha bil-qari ta' l-aħjar klassiċi sew ta' art twelidek sew dawk ta' barra kif ukoll bi studju qawwi tal-kliem, morfoloġija u sintassi ta' l-ilsien li tikteb bih.*

*Bil-kelma* sensibilità *rridu nifhmu qalb li tħoss is-sabiħ u l-ikraħ minnha nfisha u malajr bħalma l-barometru jħoss l-iċken tibdil ta' l-atmosfera. Hi din is-sensibilità li tgħin lill-kittieb jagħżel bejn kelma u oħra, li jħaddem il-kelma ħelwa u jwarrab il-kelma ħarxa jonkella li jinterpreta ġrajjiet mill-ħajja b'qalb li tħoss xorta waħda l-għali u l-ferħ, l-ikraħ u s-sabiħ, l-għoli u l-baxx, it-traġiku u l-komiku, l-aħrax u l-patetiku. L-istess sens bil tà li tgħinu jagħżel il-kelma sabiħa u jwarrab il-kelma kerha tgħinu wkoll iħoss il-mużika ta' għaqda kliem jew nisġa perjodar. Bħall-immaġinazzjoni, is-sensibilità titwieled biha, imma bħas-sengħa tal-kelma tista' tedukaha u tirfinaha bl-edukazzjoni tal-moħħ, tal-għajnejn u tal-widna.*

U fl-aħħarnett, il-kittieb jeħtieġ bħall-ħobż maħtnura ta' idejat qawwija, jiġifieri idejat mhux ordinarji. Min jaqrak ma jkunx irid jisma' minn għandek ħwejjeġ ordinarji li jafhom hu, imma ħwejjeġ li għalih huma ġodda jekk mhux fihom infushom, għallinqas fil-lemħa li l-kittieb jarahom minnha. Il-bniedem jerfa' u jtella' l-idejat minn qalbu u minn moħħu bħalma l-bramel tas-sienja jtellgħu l-ilma mill-bjar. Issa hekk kif, jekk l-ibjar ikunu battala, il-bramel ma jtellgħux ilma jonkella jtellgħu l-ħama tal-qiegħ, hekk ukoll min f'moħħu m'għandux maħżuna l-idejat li jiġu mill-esperjenza, mill-qari u mill-kultura, ma jirnexxilux joħroġ minn moħħu idejat li jinteressaw lill-qarrej. Imma billi min jikteb, bħal min jitkellem, xi ħaġa jkun igħid, bniedem bla idejat ikun qed jikteb xi ħaġa, imma xi ħaġa li ma tiswiex il-karta li tinkiteb fuqha. Jista' jkollok l-isbaħ immaġinazzjoni u l-akbar sensibilità, jekk int nieqes mill-idejat għax nieqes mill-qari jew mill-esperjenza u mill-kultura, inti qisek bniedem li għandek quddiemek ħajt għoli għoli li ma tistax taqbżu. Dan hu l-ħajt tal-limitazzjonijiet ta' l-edukazzjoni jew tal-personalità tiegħek. Tassew, kif jista' dal-kittieb jagħti lill-immaġinazzjoni għadd sabiħ ta' idejat qawwija biex dawn, bħas-saħħara, tibdilhom bl-ilwien tagħhu bħalma x-xemx tibdel is-sebat ilwien tal-qawsalla?

Tabilħaqq li dak li l-Ingliżi jsejħu fiction u li aħna l-Maltin nistgħu ngħidulu stħajjil, ma jinbeniex ta' bilfors fuq ġrajja storiċi, imma mbagħad mhu xejn inqas minnu li xogħol l-immaġinazzjoni hu li din tibni l-istħajjil fuq xebh is-sewwa u li għalhekk ix-xogħol ta' l-immaġinazzjoni jikkonsisti fit-trasformazzjoni tal-fatti. Nistgħu nxebbhu lill-immaiġnazzjoni lil dawk il-bhejjem li jixtarru l-għalf tagħhom. Hekk kif dawn bl-ixtarr tagħhom jibdlu s-sustanza ta' l-ikel li jomogħdu, hekk ukoll l-immaġinazzjoni jew fantasija tal-bniedem tibdel in-natura tal-fatti mixtarra minnha. Issa hekk kif biex tixtarr irid ikollok x'tixtarr, xejn inqas l-immaġinazzjoni jew fantasija ma jrid ikollha fatti x'tixtarr biex iżżewwaqhom b'dawk l-ilwien li jagħtuhom il-ħajja u l-ġmiel. Fi kliem ieħor, il-kultura tal-kittieb tnewwel u tagħti l-ewwel materjal għall-idejat li mingħajrhom il-kittieb jista' jasal sa livell ċkejken biss.

Minn dawn il-ħtiġiet li semmejna, l-għodda tal-kitba sabiħa, nifhmu li biex proża tgħaddi mill-għarbiel tal-kritika rridu ngħarbluha f'dawn l-elementi li semmejna. Mill-oħla u mill-aqwa hi dik il-proża li tiġbor fiha l-erba' elementi flimkien fl-aqwa tagħ-

*hom. Hi inqas qawwija skond id-differenza dik il-proża li jonqosha xi wieħed mill-elementi. Proża nieqsa ħafna minn dawn il-ħteġiet tingħad proża għax mhix poeżija—jiġifieri proża prożajka, proża dgħajfa, għajjiena, mejta. Mhux il-kwantità, mela, imma l-kwalità li tkejjel u tiżen il-proża. U biex tkejjel u tiżen il-proża trid tkun tifhem fil-miżien u fil-kejl u taf tgħabbar bil-ħaqq u mingħajr dnewwa. Kif nagħmlu dan turihulna l-kritika letterarja li f'Malta għad ma ħadetx xejra xjentifika. Kitba tajba ta' proża għandna imma kritika letterarja għad m'għandniex. Imma trid tkun tassew bla koltura letterarja biex issejjaħ kritika letterarja reċensjoni jonkella reċensjoni kritika letterarja. Injoranza bħal din tagħmel għajb lill-kittieb il-għaliex tixhed nuqqas ta' kultura u ta' sens ta' proporzjon. Għalhekk ilha tinħass il-ħtieġa ta' kritika letterarja li tgħallem il-prinċipji li jagħżlu l-kitba t-tajba mill-kitba l-ħażina. Mingħajr taħriġ bħal dan il-fehmiet letterarji u l-paraguni jsiru kif ġie ġie. Il-frugħa ħafna drabi ġġagħilna naraw ix-xogħol tagħna kbir wisq u xogħol ħaddieħor żgħir, u għalhekk iġġagħlna nfissru fehmiet li ma jagħmlulniex ġieh.*

*Il-Malti stagħna bl-antoloġiji u bil-kitba ta' poeżiji u xi rumanzi, Għad jonqos, kif għedna, kitba dwar il-prinċipji letterarji li minnhom nistgħu naslu biex ingħidu għaliex din jew dik il-proża hi l-aqwa waħda jew l-agħar waħda jew hekk hekk fost il-proża tal-Malti jonkella għaliex il-kitba tixbah lill-kitba ta' R. Sabatini u mhux lil ta' Walter Scott jew bil-maqlub. Il-fehmiet wil-paraguni letterarji mhux billi tixħethom addoċċ, trid tkun taf twettaqhom. Biż-żmien għad ikollna l-*ars dicendi *ta' l-Ilsien tagħna wkoll.*

---

## L-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')
### TIŻŻI HAJR LIL

Dr. Anton Agius Ferrante li, sa mill-ewwel snin li kien għadu student, ħa interess mill-ikbar fl-Għaqda tal-Malti (Università). Habrieki, imħeġġeġ u tal-prinċipju, Malti fil-ħsieb u fil-ħidma, bil-ħila tiegħu l-Għaqda tal-Malti (Università) għaddiet 'il quddiem, l-aktar fil-finanzi li tqiegħdu fis-sod ħafna fi żmienu. Dal-membru ħabrieki tal-Kumitat ħa d-Dottorat tal-Mediċina fl-1946. Billi l-karriera ta' tabib ma baqgħetx tħallilu ż-żmien li kellu qabel, hu ma reġax ħareġ għall-għażla fl-aħħar ħatra tal-Kumitat. Lill-ħabib tagħna Anton Agius Ferrante nixtiqulu karriera mill-isbaħ. Il-ħidma tiegħu għall-Għaqda tibqa' tidher sabiħa fil-ġrajja ta' Lsienna fl-Università.

# ĦDEJN IL-ĠNIEN TA' TFULITI

*Tmien snin għaddew minn meta kont niġġerra*
*Kollni fuq ruħi qalb l-għoljiet miksija*
*B'siġar il-lewż. Tmien snin għaddew, u rġajt*
*Jien ġejt hawnhekk biex fil-jiem sbieħ ta' darba*
*Narġa' niftakar, u nitfarraġ naqra*
*Bil-ferħ l-imgħoddi tat-tfulija tiegħi.*

*Għax hemm kont nilgħab fuq dik l-għolja żgħira*
*U hawn, fuq dil-ħarruba, darba waħda,*
*— Kien jum ta' Mejju meta l-ġilji jbajdu*
*W il-fjur tal-qares jiżfen ma' kull fewġa —*
*Jien qgħadt ferħan, flimkien m'Ivonik sieħbi*
*Nitbandlu fuq iz-zkuk bin-nida mxarrba.*
*... Nisma' ż-żanżin tan-naħal bieżel jaħdem*
*Fi tlugħ ix-xemx, u minn dal-fjur għall-ieħor*
*Itir w isoff il-għasel ħelu zokkor.*
*Il-friefet f'għaxqa jtiru 'l hawn u 'l hemm,*
*U bi ġwenħajn weqfin joqogħdu siekta*
*Fuq xi buqar li l-wied ferħan ifewwaħ...*
*Ma ninsa qatt il-jiem ta' Mejju t'ilu,*
*Għax kienu dawk il-jiem dehbiena tiegħi,*
*Ta' meta kont bla ħsieb ta' xejn niġġerra*
*Minn wied għal wied, dal-fjur jew l-ieħor naqta';*
*Jew qalb il-friegħi 'l hinn u 'l hawn nixxejjer.*

*Issa spiċċaw dal-jiem hekk sbieħ. Il-fjuri*
*M'għadhomx jolqtuni bi sbuħithom; lanqas*
*L-ilwien tal-friefet, jew in-naħla żżanżan*
*Jew dawk l-għadajjar fejn kont nilgħab hieni,*
*M'għadhomx jiġbduni w isaħħruni f'għanja*
*Ta' ferħ imdawwal b'dawl sabiħ ta' tfajjel.*
*L-għajnejn li kelli mhux bħall-għajnejn t'issa*
*Li raw l-imrar, w il-ġlied, w il-qerq tad-dinja,*
*Għax dawk mixgħula, b'leħħa safja kienu*
*Ta' tifel żgħir, li l-art fejn jimxi għadu*
*Lanqas biss għaraf, w jara biss il-ferħ.*

A. Zammit Gabarretta.
(Student. Kors tal-Letteratura.)

# IX-XLENDI

IX-XLENDI! Bajja maqtugħa għal kollox minn kull raħal, imħaffra mill-istess natura, għandha ssaħħar bi ġmielha lil kull min imur jaraha.

Maqtugħa u mfassla tassew bil-għaqal. Imħaffra 'l isfel bejn blat, naħa għoli ħafna u naħa ġej għal xejn il xejn lejn il-baħar. Donnha, dik inhar li saret il-bajja tax-Xlendi, in-natura kienet tirraġuna. Donnhom dawk l-ilmijiet iwaħħxu li setgħu ħaffru l-bajja tax-Xlendi kienu ħaġa waħda mal-bnedmin. Li kieku l-bajja tax-Xlendi ġiet imħaffra bejn blat għoli minn żewġ naħiet, kienet titlef ħafna mis-sbuħija tagħha. Ix-xemx kienet tkun tiddawwar ma tilħaq biex issaħħan il-baħar. Kienet tkun ukoll taqa' bħal dalma ta' swied il-qalb għal min imur igħum. Imma n-natura ma riditx tisma' tgergir, għalhekk ħalliet naħa waħda baxx kemm jista' jkun, fejn il-lum wieħed jista' jgħum billi jinżel minn taraġ baxx imgerrem mill-istess żmien u raxx tal-baħar.

Ma' tul xifer il-fomm tal-bajja, il-baħar jidher imrikkeb għal xejn il xejn fuq ramel fin u safi, fejn iktar 'il fuq hemm miknus u miġbur mill-istess mewġ tal-baħar ċagħaq imrambel u tond qisu bajd ta' tjur kbar u żgħar. Max-xaqliba tal-blat għoli hemm ħajt dobblu mibni 'l barra biex jistor lin-nisa mistħija waqt li jkunu jgħumu. Il-biċċa li hemm maqtugħa għan-nisa tinsab imwaħħxa minn għar kbir u mudlam fejn żewġ xebbiet ħallew ħajjithom mibrumin minn lembut ta' baħar imqalleb. Ħtija ta' din il-ġrajja n-nisa ftit u xejn għadhom igħumu f'din in-naħa, imsemmija l-baħar tan-nisa. Il-biċċa l-oħra tal-baħar isejħulha l-baħar tar-rġiel.

Min-naħa tal-blat il-għoli wieħed jista' jitla' ma' żaqq il-blat minn taraġ miksur f'għamla ta' zikk-zakk li jieħu għall-għar ta' Kullarina. Qabel ma tinżel ġo dan l-għar, issib bieb tal-ħadid f'għamla ta' xatba, tistħajlek qisek nieżel ġo ħondoq iwaħħax. Tibqa' nieżel 'l isfel issib għadira baħar, kbira u ċara, maqtugħa għal kollox mill-baħar, b'xi mazzun jiskarta 'l hawn u 'l hemm taħt il-ġebel iħaddar bil-ħass. Din l-għadira tinsab imħaddna minn għar żgħir magħmul bl-idejn bi spejjeż ta' mara għanja ta' żmien il-qedem, li kien jisimha Kullarina, fejn kienet tħobb tmur tgħum. Kif toħroġ minn dan l-għar biex tħares faċċata,

għandek tara minn tarf sa tarf tal-faċċata l-oħra. Din il-faċċata qiegħda tassew imfassla tajjeb għall-għum. Wara li wieħed ikun tbaħbaħ f'baħar ċar u nadif, meħlus minn kull ħmieġ, morga, żjut jew dħaħen tal-bastimenti, jista' jitla' joqgħod bil-qiegħda fuq taraġ maqtugħ għal daqshekk, iħares lejn ħafna nagħaġ u mogħoż imxabbtin ma' żaqq il-blat li jieħu sa Ras Maħrax. Wieħed jista' jara wkoll tfal ta' bla għaqal jixxabbtu ma' ħabel marbut minn fuq, għall-bejtiet tal-marelli u taċ-ċief. Wieħed jista' wkoll jinzerta tgħajjira ta' raħħal u raħħala, minsuġa fi kliem ta' mħabba, imqabbel u minsuġ b'sengħa u b'ħeffa li tgħaġġeb, tidwi minn fuq l-għolja ta' Ras Maħrax.

Il-blat il-baxx tal-bajja tax-Xlendi jibqa' sejjer sa ma jinkiser f'żewġ daħliet baħar. Dawn id-daħliet jissejħu l-Kantra l-Kbira u l-Kantra ż-Żgħira, fejn ħafna raħħala jinżlu jaħslu n-nagħaġ imdemmlin, qabel ma jġiżżuhom. Kif tħalli l-Kantra l-Kbira, tibqa' sejjer sat-Torri fejn hemm biċċa wita tajba mhux ftit għal-logħob tal-ballun.

Nhar ta' Ħadd, ix-Xlendi jkun imwennes minn ħafna nies ta' rħula differenti. Għall-ħabta ta' filgħaxija, meta x-xemx tkun taffiet ftit mir-raġġi ħarrieqa tagħha, tibda tara ħafna rġiel u nisa, tfal kbar u żgħar neżlin bil-mixi ġemgħa ġemgħa biex igħumu. Xi wħud jinżlu fuq karrettuni miġbudin minn bhejjem imniggża, waqt li oħrajn jinżlu fuq id-dahar qammiesi tal-bhejjem għerja.

Meta l-ħin ikun sar sewwa, u x-xemx tkun qiegħda titfa' l-aħħar raġġi mejtin tagħha, ix-Xlendi jiżgħed bin-nies. Dawn jitferrxu mal-moll kollu, u jibqgħu sejrin sal-kisra tal-Kantra l-Kbira. Min jilbes u min jinża' biex igħum, min bil-qiegħda jiftaħ is-sorra tal-ħobż u min ġa beda jiekol il-kisra tal-ħobż b'aptit ta' nagħma. Ix-xemx taraha tgħib bil-mod il-mod, qisha qed tnemmes u tidħak minn wara l-għolja ta' Ras Maħrax bil-kedda xemx li tat lil dawk li qed igħumu. Minn fuq l-għolja ta' Ras Maħrax tisma' wkoll il-għajta ġejja mill-bogħod ta' raħħala li tilfu xi nagħġa jew li qegħdin jiġbru l-merħla lejn id-dar.

Meta x-xemx tkun għibet għal kollox, u tibda tidher daqs-xejn tad-dalma, in-nies tarahom jinġabru mill-ġdid qatgħa qatgħa biex jerħulha lejn id-dar. Tarahom, min ixidd il-bhima maħqura bid-dubbien iniggeż daqs il-qaqoċċ tax-xewk, u min jirkeb fuq dahar il-bhejjem miksi b'xi biċċa xkora biex ma jxarrbux il-qalziet. Jinġabru wkoll xi żgħażagħ b'xi kitarra u argunett

tal-ħalq, igħannu għana ta' mħabba wara xi xebbiet raħlin, bil-libsa tal-għum x'aktarx tan-newl, imgeżwra qagħqa fuq rashom.

Ftit tal-ħin wara x-Xlendi jaqa' baħħ, u jibqa' mwennes biss minn xi ftit nies li jqattgħu s-sajf hemm, u xi sajjieda. Meta l-qamar ma jasalx sax-Xlendi, taqa' dalma u skiet li jwaħħax. Dan id-dlam ikun xi ftit imtaffi minn fanal tal-lampa u xi dawl ieħor inewnem fuq il-baħar ta' xi sajjieda. Jinstema' mbagħad il-ħoss ivenven ta' ġwejnaħ il-kokok u ż-żarżir tal-ġrillijiet, waqt li l-friefet il-lejl joħorġu bil-mijiet mix-xquq dojoq biex ilaqqtu n-nemus li jkun inġabar fuq il-fdal tal-ħobż li jħallu l-mawwara tax-Xlendi.

KARM. AQUILINA.

---

## WAHDEK

*Waħdek, ruħ, bla wens, tiġġerra,*
*Fil-għammieq tal-ħsibijiet,*
*Tofroq dalma tidħol f'oħra,*
*Kulma ssib uġiegħ u skiet.*

*Kemm int kbira le ma tagħraf*
*F'waqt għajxienek mal-bnedmin,*
*Il-kliem tagħhom u għemilhom*
*Jagħmlek ċkejkna maċ-ċkejknin.*

*Iżda xħin twarrab minn magħhom,*
*U tinħeba ġewwa fik,*
*Il-ħemda terfgħak fl-għoli,*
*Is-skiet kollox inissik,*

*Issir kbira, bħalma kbira*
*Riedek tkun tal-Hajja s-Sid,*
*Biex fil-ħemda u b'uġiegħek,*
*Dlonk tittajjar, tmur fejn trid.*

*Sakemm waħdek it-triq tfittex,*
*Imqar din ma ssibha mkien,*
*Tibqa' kbira, issir akbar*
*Mill-beraħ bla tarf u ż-żmien.*

*Ibqa' waħdek, ruħ, mifruda*
*Minn din l-agħa tal-ħolqien;*
*L-uġiegħ nisslek, is-skiet sawwrek:*
*Waħdek tasal kullimkien!*

ĠUŻÈ' ELLUL MERCER.

# SAĦĦARA

Lil ħabibi Ġużè Cassar Pullicino,
li bħali sar iħobb joħlom bil-
ħrejjef tas-sħaħar.

*Kont ħlomtok wiċċ ta' xiħa*
*b'ħalqek*
*jidħak b'żewġ sinniet,*
*ħofriet għajnejk*
*żewġ ħuġġieġiet*
*ġo sħab ta' biża' tarmi daħna u riħa.*

*Kont ħlomtok wiċċ ta' xiħa*
*b'subgħajn*
*imkemmxa u dwiefer twal irqaq*
*ta' seqer kiefer*
*tmexmex l-għadam u xxomm*
*tad-demm il-fwieħa:*

*l-għadam ta' tfal imsemmna*
*ġewwa qafas*
*tal-ħadid—ta' tfal misruqa*
*mill-għafrid*
*li bih beżżgħuna tfal għax jixrob demmna!*

*B'għajnejn imberrqa smajna*
*minn fomm*
*ix-xwejħa l-ġrajja tiegħek, ja saħħara,*
*u ħajja*
*fi ċkunitna xbihatek f'moħħna drajna.*

*Rajtek f'għorfa mudlama*
*b'dawl*
*inemnem ta' musbieħ u fost l-agħjat,*
*twerżiq ta' riħ*
*taqra fl-idejn: u taqta' u tqawwi t-tama.*

*Rajtek fil-moħħ maħżuża*
*ta' l-aqwa*
*rjus kittieba*
*tiftaħ tal-mistur*
*il-bieba:*
*tixxandar bl-ikreh u l-egħref għaġuża!*

*Ġewwa l-għar fid-dlamijiet,*
*b'wiċċ*
*imdawwal min-nirien,*
*fl-inħasa ddewweb*
*ras u lsien*
*ta' nies li l-frugħa ta' dil-ħajja nsiet.*

*Iżda wkoll f'dik l-inħasa*
*jiddewweb kollu semm,*
*bl-ilsna ta' bosta sriep, kien hemm*
*id-demm*
*ta' dik li jien ħabbejt, — u qalbha u rasha.*

A. Cremona.

---

## IL-MAQDES TA' VENUS

*Venus qiegħda ġo Maqdes, Maqdes aħdar*
*mibni miż-zkuk u l-friegħi u s-sensieli*
*ġo Sant'Anton, miqjuma minn dawk kollha*
*li jħobbu l-ġmiel:*

*Il-koppla tiegħu biċċa sema diefi;*
*il-kolonnat erba' ram'et mirquma;*
*l-imramem miksijin bl-arazzi mżewqa*
*ta' li* sweet peas;

*U l-ilma ġewwa l-għajn bħaż-żejt imqaddes*
*ġewwa l-lampier igħajjex il-fjur isfar,*
*bħal ħafna fjammi żgħar fuq iċ-ċimblori*
*tal-weraq aħdar.*

A. Buttigieg.

# IL-MALTI U ILSNA OHRA

BOSTA huma l-ilsna fid-dinja, iżda jekk inqabblu sewwa x'għadda minn għalihom minn twelidhom saż-żmenijiet li aħna fihom, malajr nintebħu li hemm xi xebh bejniethom. Hekk l-ilsna kollha jitbiddlu mal-mixja tas-snin, iżidu xi kliem u għidut għat-tfissir ta' idejat u fehmiet ġodda, iwaqqgħu kliem ieħor, u saħansitra jġarrbu tibdil fil-kelma nfisha u fil-grammatka. L-Ingliż ta' Chaucer, il-Franċiż li nsibu fix-"Chanson de Roland", il-Għarbi tal-Quran, il-Malti ta' żmien il-ħakma Għarbija ma jaqblux għal kollox ma' kif nafuhom illum. Fil-bidu ta' bosta mill-litteraturi, naraw li l-bniedem biex ifisser it-tqanqil tal-qalb u tal-moħħ, l-ewwel nqeda bl-ilsien taħt sura ta' għana popolari jew ballati, u mbagħad, meta l-kelma laħqet qagħdet, ħaddmu taħt dik il-għamla ta' kitba li nsejħulha proża. Għalhekk fi Spanja "Il Poema del Cid", "Beowulf" fl-Ingilterra, "Chanson de Roland" fi Franza, "Nibelungen Lied" fil-Ġermanja wil-"Kalevala" fil-Finlandja, kollha taħt sura ta' poeżija, ħabbru l-litteraturi ta' dawn il-pajjiżi. Fuq kollox jolqtok il-fatt, u dan l-aktar li jmiss lilna l-Maltin, kif f'ħafna artijiet kien hemm xi żmenijiet meta l-ilsien tal-poplu jew inħaqar u ntbagħad mill-barrani li ried idaħħal l-ilsien tiegħu minnfloku, jew ma nkitibx mill-aħjar nies tan-nazzjon li nqdew b'ilsien il-barrani minn rajhom. U billi bħal ma kulħadd jaf, għal mijiet ta' snin, l-ilsien Taljan ħa post il-Malti fil-ħajja ta' gżiritna, u m'ilux wisq li l-Malti ngħaraf bħala lsien uffiċjali u beda jintgħallem fl-iskejjel, nixtieqn ngibu eżempji biex nuru kif artijiet akbar minna wkoll ġarrbu dan li semmejna ftit ilu.

Nibdew miż-żmenijiet Rumani. Aktarx li l-ebda ġens m'hu, jew qatt kien, imdejjen lejn ieħor daqs kemm kienu r-Rumani lejn il-Griegi. L-alfabett, il-biċċa kbira tal-mitoloġija, l-arti, il-metri tal-poeżija, il-lehma għal bosta mix-xogħlijiet miktubin bil-Latin — dawn kollha ġew mill-Greċja. L-ewwel isem fil-letteratura Latina kien Livius Andronicus, Grieg; Quintus Ennius talab il-Mużi Griegi l-għajnuna tagħhom fil-ftuħ ta' l-"Annales"; ħabta ta' 180 Q. K., il-klassi għolja ta' Ruma, l-aktar Publius Scipio u Gaius Laelius, mexxejja tal-moviment Ellenista, għamiet wara l-letteratura u l-lingwa Griega. Insibu għalhekk li meta xi storiċi Rumani meddew idejhom biex jiktbu ġrajjet

il-qedem ma kitbux bil-Latin iżda bil-Grieg. Wieħed minnhom, Aulus Postumius Albinus, fil-ftuħ tal-ktieb tiegħu miktub bil-Grieg talab il-qarrejja biex jagħdruh għal xi nuqqasijiet fl-istil. Qal: "Jien Ruman, mitwieled Lazju. Barrani għal kollox huwa l-ilsien Grieg għalina." Iżda Marcus Porcius Cato, li ma ħa-milx jara 'l Ruma tiġġerra wara l-litteratura u l-ilsien tal-Griegi, wieġbu li jekk ma xtaqx jagħmel żbalji messu kiteb bl-ilsien ta' art twelidu. Jista' jkun li l-annalisti Rumani kitbu bil-Grieg għax beżgħu mill-faqar u mill-ebusija ta' l-ilsien Latin li ma kienx għadu mħaddem biżżejjed f'kitba tal-proża. Iżda Cato, bħal im-għallem tas-sengħa, għaraf kif kellu jħaddem l-għodda u xhieda ta' ħiltu huma l-ħafna xogħlijiet bil-Latin li ħalla wrajh. Ir-Ru-mani baqgħu sa l-aħħar iqisu l-Grieg bħala l-ilsien ta' dik l-art li fi kliem Orazju "ġabet l-arti f'Lazju selvaġġ". Fi żmien Neruni niltaqgħu ma' xi Stojiċi Rumani jiktbu bil-Grieg fuq ħwejjeġ ta' filosofija, bħallikieku l-Latin ma kienx ta xhieda qawwija f'idejn l-oratur Ċiċerun li seta' jintlewa u jitqiegħed għal kull xorta ta' ħsieb, saħansitra biex ifisser "De Natura Deorum". Iżjed 'il quddiem fl-istorja tal-litteratura Latina, il-kittieba aktar inqdew bil-Grieg milli bil-Latin. Xi imperaturi bħal Tibe-rju u Marcus Aurelius aktar kien jogħġobhom jiktbu bil-Grieg.

Waqa' l-imperu Ruman, imma ma mietx miegħu l-Latin li baqa' sa mijiet ta' snin wara l-ilsien tal-għorrief ta' l-Ewropa Nisranija. Petrarca ħaseb li ismu mhu sejjer imut qatt min-ħabba x-xogħlijiet li kiteb bil-Latin għalkemm illum nafuh l-aktar bħala l-kittieb tas-sunetti lil Laura, miktubin bil-Fjoren-tin, l-ilsien tal-baxx. Dante Alighieri, għalkemm id-"Divina Commedia" kitibha bil-volgare, għandu ħafna xogħol ieħor mik-tub bil-Latin, li bħal ma qal huwa nnifsu fil-"De Vulgari Elo-quentia" mhux ħlief "ilsien sekondarju w artifiċjali." Francis Bacon, li b'kitbitu u b'għerfu "qanqal l-imħuħ li mexxew id-din-ja" emmen sħiħ li l-Ingliż ma kienx għodda tajba u mirquma biż-żejjed biex ifisser ħsebijiet għoljin u għalhekk kiteb bil-Latin. U bħal Bacon kien jaħseb il-Venerabbli Beda. Għax Fray Luis de Leon (1527-1591) kiteb bil-Kastiljan u mhux bil-Latin qala' t-tmaqdir tal-għorrief sħabu u l-istess ġralu Tumas ta' Stitny (1331-1401) tejologu Kżek li kellu l-ħila jikteb u jfisser il-filoso-fija u t-tejoloġija bil-Kżek. Fl-1687, Kristjan Thomasius kellu jħalli l-belt ta' Leipzig għax għamel il-"lectures" lill-istudenti bil-Ġermaniż flok bil-Latin. Issa dawn l-għorrief ta' l-Ewropa li kitbu bil-Latin għamlu ħażin l-aktar, mhux għax kitbu b'ilsien

wieħed, iżda għax ħasbu u ħambqu li l-Latin kien aqwa minn ilsna oħra u minn fuq ċanfru 'l min uriehom bid-dieher li fehmitnom kienet qarrieqa għal kollox. Bħal ma qal Joachim Du Bellay (1525-?) lil dawk il-kittieba Franċiżi ta' zmienu li kienu jqisu l-Grieg u l-Latin bħala ilsna li ġejjin mis-sema fil-waqt li l-Franċiż kien igagħlek tistħi minnu għax kien "barbaru", ilsien hu aqwa, ogħna w aħjar minn oħrajn minħabba l-ħila, is-sabar u l-moħħ tal-kittieba li jieħdu ħsiebu, u għal xejn aktar.

Jekk niftħu ktieb biex naqraw xi ħaġa dwar il-litteratura Finlandiża, insibu li l-ilsien Finlandiż beda jinkiteb f'xogħlijiet litterarji mis-sena 1835 'l hawn. X'kienet il-ħtija? Bħal f'bosta artijiet oħra, fosthom Malta, il-ħtija la kienet tal-għażż u l-anqas tan-nuqqas ta' ħila tal-poplu, iżda ta' ħakma twila barranija li fil-Finlandja kienet Svediża. Sitt mitt sena u fuqhom damet taħkem l-Isvezja fil-Finlandja. L-ilsien uffiċjali u għat-tagħlim sar Svediż. L-isem tal-pajjiż, Suomi, ingħata l-isem Svediż ta' Finlandja. Il-belt ewlenija Helsinki tbiddlet f'Helsingfors, Oulu saret Uleaborg, Pori ħadet is-sura Svediża ta' Bjorneborg. Hawn Malta, għali-klikka Taljana, l-Imqabba saret Micabiba, ir-Rabat sar Rabato u l-Imdina, isem Malti sa ruħu, tbiddlet f'Citta Vecchia. M'hemmx għalfejn nistagħġbu mela meta naqraw li kienet id-drawwa tal-kittieba Finlandiżi li jiktbu u jitħaddtu b'ilsien il-ħakkiem barrani. Iżda fl-1835, Dr. Elias Lonnrot ġabar fi ktieb l-għana u l-leġġendi tal-poplu li flimkien jagħmlu l-Kalevala, l-epika nazzjonali Finlandiża. Elias Lonnrot wera t-triq u oħrajn imxew fiha. Niltaqgħu għalhekk ma' Alexis Kivi (1834-1872) jikteb bil-Finlandiż l-aqwa ktieb tiegħu "Is-Sebat Aħwa", kif ukoll drammi u kotba oħra. Jan Sibelius, il-kompożitur magħruf Finlandiż, bena xogħlijiet sinfoniċi fuq il-ħrejjef li sab fil-Kalevala. M'ilix qrajt li tfajla Finlandiża, taħdem f'ħanut fi New York, biex turi mħabbitha għal artha mbegħda, bdiet tgħid mijiet ta' versi tal-Kalevala. Għaġġbithom lis-semmiegħa Amerikani!

Issa nħarsu lejn l-Ungerija. Il-lum dal-pajjiż għandu litteratura kbira imma l-ilsien Ungeriż mhux minn dejjem kien sid f'daru. Fil-bidu tas-seklu ħdax daħal u nxtered il-Kristjaneżmu u twaqqfu skejjel u monasterji mill-patrijiet li ġabu magħhom il-wirt li ħalliet Ruma. Ulied il-kbara Ungeriżi tgħallmu u xorbu sewwa mil-litteratura Latina u fi żmien qasir bdew jitkellmu bil-Latin u jaħsbuha ta' Rumani. Huma n-nies imgħallma li

għandhom f'idejhom it-tmun tal-pajjiż u għalhekk ġara li l-ilsien uffiċjali fil-qrati, fl-iskejjel, f'kull fergħa tal-ħajja kulturali Ungeriża sar il-Latin. Issa ħadd ma jista' jiċħad li meta l-kbarat u l-mexxejja tal-pajjiż ikollhom għodda biex jinqdew fil-ħtiġiet tagħhom kif ukoll biex tagħżilhom u żżommhom dejjem xiber oqħla mill-bidwi u mill-ħaddiem, ma jkollhomx għalfejn jieħdu ħsieb l-ilsien tal-kotra. Iżda fil-bidu tas-seklu dsatax bdiet tinħass ċaqliqa sabiex l-Ungeriżi jiksbu drittijiet akbar mill-imperatur ta' l-imperu Awstrijo - Ungeriż u xi mexxejja Ungeriżi bdew jintebħu wkoll li ma kenux Latini u li kellhom ilsien għani u qawwi daqs il-Latin. Szecheni, Kossuth, Deak u oħrajn għamlu ħilthom kollha biex jagħtu lill-ilsien tal-poplu l-ġieh li kien jistħoqqlu. L-ewwel kelma Ungeriża fl-Assembleja nstemgħet minn ħalq Szecheni fl-1825 u qajmet għagħa u għaġeb kbir fost id-delegati l-oħra li kienu mdorrijin jinqdew bil-Latin fil-laqgħat tagħhom. Tmintax-il sena wara, fl-1843, digriet maħruġ mill-Assembleja amar li minn dak inhar 'il quddiem l-ilsien Ungeriż kellu jitqies bħala l-ilsien uffiċjali flok il-Latin. Meta wara dan qam delegat biex jitħaddet u beda d-diskors tiegħu bil-formula qadima Latina ta' "Excellentissime Domine" qamu sħabu bħal bniedem wieħed u ma ħallewhx ikompli.

Ġlieda aktar qalila u mdemma kellu l-ilsien Kżek qabel ma rnexxielu jqaċċat l-ilsien Ġermaniż li sewwa sew għal tlitt mitt sena seraqlu l-ġieħ ta' lsien uffiċjali f'daru. Kienu għoddhom għaddew 760 sena ta' influwenza Ġermaniża fil-Bohemja u fil-Moravja, meta fl-1620 il-qawwiet Kżeki ġarrbu telfa kbira f'taqbida ma' l-eżerċtu Awstrijak qrib Praga, u tista' tgħid li mat-telfa ta' l-indipendenza Kżeka miet ukoll l-ilsien Kżek, għax fil-qrati, fl-iskejjel għall-kbar u għaż-żgħar, fid-djar u fil-palazzi tal-għonja, fin-negozju u fit-treġija tal-pajjiż ma baqgħetx tinstema' l-kelma Kżeka iżda Ġermaniża. Billi t-tfal u l-istudenti ma tgħallmux iżjed ilsienhom, qajla kienu joħorġu kotba miktubin bil-Kżek u jekk qatt xi ktieb 'l hawn u 'l hemm irnexxielu jaħrab iċ-ċensura, kienu jaħarquh il-ħakkiema Awstrijaċi. Għall-Awstrijaċi u għal dawk il-Kżeki li b'għajb kbir għalihom u għan-nazzjon mirfus, raw kif għamlu u nħabbu magħhom, l-ilsien nazzjonali Kżek kien tajjeb biss għall-ħalq il-bidwi u għall-qaddejja. Miet l-ilsien u l-qalb tan-nazzjon ma baqgħetx tħabbat. Malta, wara sitt mitt sena ta' jasar u dlamijiet intellettwali, rat 'il Vassalli jkebbes f'qalb ħutu l-Maltin l-ewwel xrara ta' mħabba għan-nazzjon Malti bix-xogħlijiet xjentifiċi fuq il-Malti. U

l-istess ġara fil-Boħemja. Kien Josep Dobrovsky (1753-1829), "missier il-filoloġija Slavika", li raġa' qajjem l-ilsien Kżek middlamijiet fejn kien ilu mostur għal ħafna żmien b'riħet it-tfittix tiegħu dwar in-nisel u l-istorja ta' lsienu. Ta' min josserva wkoll li Dobrovsky kiteb lil niesu bil-Ġermaniż u bil-Latin, ilsna barranin, bħal ma Vassalli kiteb lill-Maltin bit-Taljan u bil-Latin. Milli jidher il-Kżek, "l-ilsien tal-ħallelin u ta' l-ilsiera", kif kienu jsibuh il-ħakkiema Awstrijaċi, kien imkażbar u minsi daqs, jekk mhux aktar, mill-Malti, għax dal-filologu għall-ewwel qata' qalbu kif qatt seta' jkun li għadd kbir minn niesu jerġgħu jitħaddtuh u kif setgħet tinkiteb bih litteratura kbira(1). Tqarraq. Warajh ġew oħrajn. Jan Kollar, Slovakk, kiteb bl-ilsien Kżek il-poema qalbenija Slavy Dcera (Bint Slava) li turi bħal f'mera x-xewqat u l-qalb kbira tal-poplu maħqur. Fl-1825, Jungmann ħareġ l-"Istorja tal-Litteratura Kżeka", miktuba bil-Kżek, u bejn is-snin 1835-1839 id-"Dizzjunarju Kżek", li kien ilu jaħdem fih għal erbgħin sena. Palev Safarik, filologu ieħor, għamel tfittix aktar bir-reqqa minn Dobrovsky fuq l-ilsien Kżek u l-ilsna Slaviċi kollha u għen mhux ftit lill-mexxejja Kżeki li riedu fuq kollox jibnu n-nazzjonalità tagħhom fuq il-lingwa. Tassew li bniedem u lingwa ma tistax tifridhom. Biex ma ntawlux. Meta l-Gvern Awstrijak ħalla skejjel għat-tagħlim ta' l-ilsien Kżek jinbnew, meta fl-1882 l-ilsien Kżek beda jintgħallem fl-Università ta' Praga flimkien mal-Ġermaniż, u meta fl-1897 il-Kżek ingħaraf bħala l-ilsien tal-korrispondenza tal-Gvern u għalhekk kull impjegat ħtieġlu jitgħallmu, in-nies ta' nisel tewtoniku ma qagħdux għal dan. Qajmu t-taħwid u l-ġlied u fir-Reichsrath, fejn kienu jiltaqgħu d-delegati Ġermaniżi u Kżeki twaddbu fliexken tal-linka; instema' tisfir li jtarrax u ġriet id-dmija. Minn dejjem kienu mdorrijin iqisu l-Ġermaniż bħala l-ilsien uffiċjali, l-ilsien tal-koltura, l-ilsien li għażel lilhom, ħakkiema rebbieħa mill-Kżeki mirbuħa. Dil-kwistjoni bejn l-ilsien Kżek u Ġermaniż baqgħet sejra sat-tmiem tal-Gwerra l-Kbira meta twaqqfet repubblika Kżekoslovakka b'Masaryk bħala l-ewwel President tagħha. Wara tlitt mitt sena (1620-1920) ta' madmad tqil, l-ilsien Kżek ħareġ rebbieħ.

---

(1) L-ilsien Ġermaniż qalb il-Kżeki kien bil-wisq aktar imxerred u mitkellem milli kien it-Taljan fostna għax il-Kżeki kellhom skejjel elementari u sekondarji fi żmenijiet meta aħna anqas biss konna ħlomna bihom. Il-qawmien ta' l-ilsien Kżek fil-bidu tas-seklu dsatax kien tabilħaqq mhux qawmien minn raqda iżda mill-qabar.

Jekk il-ġlieda u r-rebħa ta' l-ilsien Kżek jagħmlu fost l-isbaħ u l-aqwa paġni fil-ġrajja mqallba tal-poplu Kżek, xejn anqas qalbiena u rebbieħa ma kienet it-taħrika fil-Bulgarja għall-ħarsien u l-ħelsien ta' l-ilsien nazzjonali minn taħt riġlejn it-Torok u l-ekklesjastiċi Griegi. Sas-sena 1453, l-art tal-Bulgarja, fl-arti, fil-kitba, fit-tagħlim, kienet laħqet quċċata li qorbot dik tal-pajjiżi tal-Punent, iżda meta s-Sultan Tork Bayezid daħal fil-knisja ta' S. Sofia riekeb iż-żiemel, l-isem tal-Bulgarja tħassar minn wiċċ il-mappa ta' l-Ewropa u ma reġax feġġ qabel l-aħħar tas-seklu tmintax. Imma l-eqqel għedewwa ta' l-ilsien u tan-nazzjonalità Bulgara kienu l-patrijarki u l-qassisin Griegi tal-Knisja Ortodossa. Il-Patrijarka ta' Kostantinopli kien jingħażel b'għoġba tas-Sultan Tork li kien iħalli f'idejn il-kleru Grieg it-tmexxija tal-Knisja Bulgara u Serba. Ftit kienu dawk il-monasterji fil-Bulgarja li ma kenux maħkuma għal kollox mill-Griegi. Skejjel, monasterji u parroċċi kollha ġew taħt idejhom. Fl-iskejjel tal-kleru Grieg it-tfal Bulgari ma tgħallmux ħlief Grieg u meta kibru bdew jitkellmu bil-Grieg u jqisu rwieħhom bħala Griegi. Is-sentiment nazzjonali tal-Bulgari thedded li jintefa. Imma sa fl-aħħar il-poplu Bulgaru beda jistenbaħ mir-raqda twila u bdiet tinstema' l-għajta sabiex l-ilsien Bulgaru, maħqur u minsi, jibda jintgħallem fl-iskejjel u jerġa' jintuża fiċ-ċerimonji tal-knisja. Fost dawk li tħabtu biex jerfgħu l-ilsien Bulgaru fuq il-pedestall fejn kien jistħoqqlu joqgħod kien hemm ir-raħeb Paisij u sieħbu Neophyt Rilski. Fl-1762, Paisij ħareġ ktieb żgħir fuq l-istorja tal-Bulgarja l-qadima fejn fakkar lil niesu li kienu Bulgari u mhux Griegi; ċanfarhom bl-ikrah talli ħallew il-qassisin Griegi jsejħulhom Griegi bħalhom; qawwielhom qalbhom għall-ġejjieni u f'kelma waħda hejja t-triq għall-fidwa ta' l-ilsien u għall-ħelsien tal-poplu. Ma' tul is-snin 1824-1850 bdew jidhru xi kotba tal-knisja miktubin bil-Bulgaru, u għall-ħabta ta' dawn is-snin hawn Malta wkoll bdew jidhru xi kotba reliġjużi bil-Malti. Fl-1835 inbniet l-ewwel skola Bulgara f'Gabrovo bil-ħsieb li tgħallem l-ilsien nazzjonali lit-tfal Bulgari. Fl-istess sena, jiġifieri 85 sena wara l-ewwel grammatka Maltija, ħarġet l-ewwel grammatka ta' l-ilsien Bulgaru minn idejn Neophyt Rilski li qaleb ukoll ir-Rabta l-Ġdida fi lsien il-poplu. Fl-1844 deħret l-ewwel gazzetta miktuba bil-Bulgaru u sitt snin qabel f'Malta ħarġet gazzetta miktuba kollha bil-Malti. Fis-sena 1870 il-knisja Bulgara qalgħet minn għand is-Sultan Tork li ttella' Patrijarka Bulgaru. Fis-sena 1878, imbagħad, il-Bulgarja kisbet l-indi-

pendenza u l-litteratura li nkitbet minn dik is-sena 'l hawn tagħmel ġieħ lill-pajjiż, lill-kittieba nfushom, u lill-ilsien Bulgaru. M'hasda kotrana kellhom il-kelmtejn imħeġġa tat-twajjeb Paisij!

Ninqatgħu issa mill-artijiet ta' l-Ewropa u nitfgħu ħarsitna fuq iċ-Ċina u l-Ġapan, għax fil-Ġapan ukoll kien hemm xi nies boloh u minfuħa bihom infushom li dehrilhom li l-ilsien tal-ġara tagħhom kien aqwa w isbaħ għall-kitba minn ilsienhom. Il-Ġapan qrib l-art kbira u qawwija taċ-Ċina fejn l-arti wil-kitba kienu mill-ibgħad żmenijiet meqjuma u mfaħħra nistgħu nxebbhuh ma' Malta qrib l-Italja, omm ta' l-arti u tal-poeżija. Waqt li l-Maltin ta' qabilna studjaw il-klassiċi Taljani, il-Ġappuniżi kienu jitgħallmu l-klassiċi Ċiniżi. Fiż-żewġt imħuħ, Malti u Ġappuniż, daħlet u ssaħħet il-fehma li l-ilsien tal-ġara kien aktar nobbli minn tagħhom. Biex il-poeżija tolqot il-qalb sewwa, kienu jgħidu n-nies imgħallma tal-Ġapan, biex il-kobor ta' ħsebijiet għoljin ikun jista' jitfisser b'libsa li tixraqlu, il-kittieb ma jistax jagħmel ħaġa aħjar milli jikteb biċ-Ċiniż. Jiġifieri tejoloġija, liġi, xjenza, filosofija, billi huma studji għoljin, frott ta' l-akbar setgħat ta' moħħ il-bniedem, ma kienx jixirqilhom jinkitbu bil-Ġappuniż, l-ilsien tal-għażżieq, imma biċ-Ċiniż. Hawn Malta l-għedewwa tal-Malti kienu jgħidu li l-Malti huwa tajjeb biss għall-qaddejja fil-kċina, u fil-Ġapan kien hemm żmenijiet ukoll meta l-kittieba rġiel dehrilhom li l-ilsien tal-poplu kien tajjeb biss għan-nisa, u l-mara, f'għajnejn ir-raġel Ġappuniż issarraf daqs il-qaddejja tagħna. Iżda fis-seklu sbatax xi kittieba rġiel qalu u kitbu li l-Ġappuniż kien tajjeb sew għan-nisa kemm għar-rġiel, u barra minn hekk qalu wkoll li l-Ġappuniż ma kienx ta' min iwarrbu f'kitba għolja. Li l-ilsien nazzjonali kien tajjeb għar-rġiel u għan-nisa ħadd ma seta' jiċħad, imma li kien tajjeb ukoll għal kitba għolja dehret bħala dagħwa kbira. Il-kittieba u l-għorrief tal-pajjiż inqasmu f'żewġ fehmiet; ta' l-ewwel riedu li ċ-Ċiniż jibqa' jintuża f'kitba ta' reliġjon, liġi u filosofija, waqt li tat-tieni riedu li l-Ġappuniż jieħu post iċ-Ċiniż. Dat-tilwim, ġlied u tħaqqiq bejn l-aħwa Ġappuniżi ntemm fl-aħħar tas-seklu tmintax b'rebħa għall-ilsien Ġappuniż.

Jidhrilna li m'hemmx għalfejn insemmu kif fid-Danimarka, l-ewwel il-Latin, imbagħad il-Ġermaniż nkitbu mill-aħjar tal-kittieba Daniżi; kif fil-Gżejjer Faroe li huma taħt id-Danimarka l-ilsien Norse li jitkellmu bih it-tletin elf ruħ tal-gżejjer, irnexxielu wara ġlieda twila jingħaraf bħala lsien uffiċjali flimkien

mad-Daniż u jibda jintgħallem fl-iskejjel (1912) ;kif kien li fis-snin meta n-Norveġja kienet mgħaqqda mad-Danimarka taħt sultan wieħed, il-kittieba Norveġiżi ma kitbux bl-ilsien li tħaddtu bih il-baħħara u l-ħaddiema ta' arthom, iżda bid-Daniż, l-ilsien tannies kolti; kif fil-Portugall, bosta kittieba Portugiżi mill-aħjar għamlu isem fil-litteratura Spanjola u le f'tagħhom; kif fit-Turkija, għal mijiet kbar ta' snin ma kienx l-ilsien Tork il-għodda għall-ktib ta' l-aqwa kittieba, iżda l-Għarbi jew il-Persjan; kif fil-Polonja niltaqgħu ma' isqof Pollakk jippriedka bil-Franċiż lil dik il-qatgħa ta' nies Pollakka li tant xtaqet tissejjaħ u titqies Franċiża minħabba li l-ilsien Pollakk, fil-fehma tagħha, kien hekk żorr u aħrax u mhux ħlejju bħall-Franċiż; kif xi kittieba qalbiena tal-Litwanja baqgħu jiktbu f'ilsienhom fil-Polonja u fl-Amerka meta r-Russi ma ħallewx it-tagħlim ta' l-ilsien nazzjonali fl-iskejjel u t-tbigħ ta' kotba bil-Litwaniż; kif fl-Estonja, meta Lydia Koidula (1843-1886) bdiet tikteb bl-ilsien tal-poplu mhux biss ma sabetx għajnuna mill-intelliġenzja tal-pajjiż iżda qalgħet it-tmaqdir u d-daħk ta' wliedha; kif fir-Russja kien delitt kbir li wieħed jitgħallem jew jikteb bid-dijalett ta' l-Ukranija; kif fl-1897, bis-saħħa tal-partit u tal-kleru Kattolku, l-Olandiżi li jgħammru fit-tramuntana tal-Belġju raw l-ilsien tagħhom magħruf bħala lsien uffiċjali flimkien mal-Franċiż; kif fis-Slovakja, għal 900 sena taħt il-ħakma Ungeriża, l-ilsien fil-qrati(1) u fl-iskejjel(2) kien l-Ungeriż u xi tfixkil kbir iltaqgħu miegħu l-għalliema Slovakki fl-1928, meta riedu jgħaqqdu kotba Slovakki għat-tagħlim fl-iskejjel. Fl-aħħarnett l-anqas għandna wisa' biex nuru kif il-Kymrick ta' Wales, illum mgħallem fl-iskejjel u fil-kulleġġi kollha ta' Wales, għalkemm m'għandux "użu prattiku" għadu ħaj bil-ħila ta' dawk in-nies li xerrdu l-Bibbja bil-Welsh bi ftit soldi l-kopja u li saħansitra taw ħajjithom għal ilsienhom. Fis-sena 1943, xtered moviment kbir fis-Ceylon għat-tagħlim fl-iskejjel

(1) Li tiġġudika l-ħati f'ilsien li ma jistax jifhem hija waħda fost l-ikreh u l-eħrex għamliet ta' tiranniji li jgħajtu għall-ħaqq lil Alla. Fl-1906, il- Mgr. Kattolku, Andrea Hlinka, imressaq quddiem tribunal Ungeriż talli ħadha kontra l-użu ta' l-ilsien Ungeriż fi qrati Slovakki, qal li l-bdiewa u l-ħaddiema fil-qrati kienu jiċċassaw qishom barrin marbutin.

(2) Fl-1861, l-isqof Stefan Moyses, f'ras ta' deputazzjoni Slovakka qal lill-Imperatur Franċis Joseph li l-Ungeriżi kienu qegħdin jagħalqu kull triq għall-kultura Slovakka sabiex il-Maġarizzazzjoni tal-poplu Slovakk tkun eħfef. Meta dan l-isqof reġa' lura lejn artu waqqaf akkademja li għamlet ġid bla qies lill-letteratura u lill-istudju xjentifiku Slovakk. Is-Slovakki għarfuh bħala "missier il-poplu".

ta' l-ilsien nazzjonali sabiex l-influwenza barranija tkun tista' tinżamm. Biżżejjed ngħidu li f'dawn l-artijiet kollha li semmejna, l-ilsien tal-poplu kien għal xi żmien imżeblaħ jew maħqur, imma sa fl-aħħar għeleb kull tfixkil u rebaħ. Għalhekk kull Malti li jaħseb mhux bil-moħħ imdardar mill-mibegħda u mill-preġudizzi qodma tal-politka, malajr jintebaħ mill-eżempji li ġibna, li l-indħil irqiq irqiq tat-Taljan fi gżiritna u l-glieda u r-rebħa ta' l-ilsien nazzjonali ma kenux xi kapriċċ tad-Destin, iżda kienu fenomeni ta' liġi li dehru fl-erbat irjieħ tad-dinja. Dil-liġi ta' l-ilsna, bħal ma rajna, mhi xejn anqas qawwija u żgura mill-liġijiet l-oħra li jmexxu d-dinja u l-ħolqien; hi l-liġi li ġġiegħel il-kbir igħakkes iż-żgħir u li ż-żgħir jimita lill-kbir sa ma jasal iż-żmien li poplu jibda jagħraf lilu nnifsu aħjar u jibdel dil-liġi ma' oħra aktar tixraqlu: il-liġi ta' l-indipendenza fi Lsien u fil-Kultura.

Ġorġ Cassar.
(Student, Kors tal-Litteratura).

---

## IL-MEWT TA' IBNI

*Ma niflaħx inliġġem aktar*
*Dan l-uġigħ li jmewweġ fija.*
*Inħoss qalbi ġewwa sidri*
*Lejl u nhar tħabbat mifnija,*
*Għax min kien il-hena tiegħi*
*Tbiegħed ħesrem minn ġo drieghi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

*Gardell ħlejju, fittex sikket*
*Dawk l-għanjiet ta' sliem u ferħ,*
*Taħseb qatt li f'moħħi mdallam*
*Sejjer tnissel dawl ta' serħ,*
*Għax kun af li l-għaxqa tiegħi*
*Bikri nfired minn ġo drieghi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

*X'jiswa billi naqbad triqti*
*Lejn is-seħer tal-ħolqien,*
*Jekk kull fejn indawwar ħarsti*
*Nilmaħ dwejjaq kullimkien,*
*Għax min kien is-sabar tiegħi*
*Issa nfired minn ġo drieghi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

30. X. 46. Ġorġ Chetcuti.

## ID-DAHLA TA' ĠESU' F'ĠERUSALEMM

*Ġerusalemm, xi tfisser din il-ħamba?*
*X'inhu l-għajat li jidwi barra swarek?*
*Għalfejn uliedek jiġġerrew mat-toroq,*
*Igħajtu "Hosanna!"?*
*Harġu, jaqaw, sabiex mad-daqq tat-trombi*
*Leħenhom jgħollu, kif il-Mulej amar,*
*U jġarrfu bil-għajat is-swar qawwija*
*Tal-Belt tal-Balzmu?*
*Jew sejrin jilqgħu, fost għidut u għożża,*
*Liċ-ċkejken David, ġej rebbieħ mill-ġlieda,*
*Jxejjer f'idu r-ras tal-għadu tagħhom,*
*Il-Ġgant Golija?*
*Le, ma ħarġux għall-ġlied jew għat-taqbida,*
*Ma ġarrewx magħhom l-għodod tal-kefrija;*
*Telqu fis-sliem, ixejru u jgħollu l-weraq*
*Tal-palm f'idejhom.*
*Marru sabiex iroddu ġieħ u qima,*
*U l-merħba jagħtu lis-Sultan imwiegħed,*
*Li għal eluf ta' snin stennew u ħabbru*
*Missirijiethom.*
*— W issa żdiedet il-ħamba w qiegħed nilmaħ*
*Lin-nies tixxabbat mal-ħitan u s-siġar*
*U taqta' l-friegħi taż-żebbuġ u żżejjen*
*It-triqat bihom.*
*Oħrajn jaqilgħu ta' kitfejhom l-għata*
*W jifirxuh fl-art, b'għelma ta' mħabba w qima*
*Sabiex jintrifes, bħal tapit bellusi,*
*Mis-sultan tagħhom.*
*L-hena tat-tfal, jiġru quddiem mal-ġliba,*
*Ixejru l-frieghi għalenija w jgħannu*
*Għanjiet ta' merħba, ta' tifħir, t'Hosanna*
*Lil Iben David.*
*Riesqa warajhom, fit-tifħir mehdija,*
*Il-ġemgħa sfiqa li bil-ħerqa tbierek*
*Lil Dak li dieħel f'isem il-Kbir Alla*
*Rebbieħ ġo Sijon.*
*Fit-tmiem, imdawwar minn għadd ta' sajjieda,*
*Bil-ħarsa jhenni u bil-kelma jwettaq,*
*Għaddej Ġesù, Sultan ġwejjed u kieni,*
*Rieķeb fuq ħmara.*

April, 1945. KARM. MUSCAT. (Student, Kors tal-Letteratura.)

# STUDJU FUQ IL-POEŻIJA "*IL CINQUE MAGGIO*" TA' A. MANZONI U L-POEŻIJA "*EXPIATION*" TA' V. HUGO

*Ta'* G. Zarb Cousin

NAPULJUN kien intemm u miegħu ntemmu wkoll ħafna gwerer imdemma. Mewt ta' bniedem li naqax isem hekk kbir fil-ġrajja tad-dinja, ma setgħetx ma tqanqalx ħsebijiet u tħassib fl-imħuħ il-kbar ta' l-Ewropa.

Fl-istess sena tal-mewt ta' l-Imperatur, il-poeta Taljan A. Manzoni kiteb fi tlett ijiem *Il Cinque Maggio* u warajh V. Hugo ħażżeż biċċa xogħol tiegħu magħrufa *L'Expiation*. Dawn iż-żewġ poeżijiet, frott ta' tnejn mill-aqwa poeti li d-dinja qatt kellha, jitħadtu t-tnejn dwar il-ħajja mħarbta ta' Napuljun. It-tnejn jiflu t-tiġrib tal-għaġeb li għadda minnu—tibdil li jaħsdek daqskemm ma tistennieħx. Naħseb li hi ħaġa tabilħaqq ta' siwi letterarju u bijografiku li wieħed jifli ż-żewġ poeżijiet u jara fiex għandhom x'jaqsmu u fiex m'għandhomx.

Ma jidhirlix li hemm għalfejn wieħed joqgħod itenni l-kobor letterarju tagħhom it-tnejn. Min qrahom żgur li fehem is-sbuħija tal-għaġeb tagħhom biżżejjed. Biss tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-Ode tal-Manzoni, għal xi raġunijiet politiċi, ma tħallietx tixxandar miċ-ċensura. Iżda b'danakollu xterdet ma' kullimkien f'leħħa ta' berqa f'kopji miktuba bl-idejn. Goethe għaġġel qalibha għat-Tedesk u seħħlu jagħmel traduzzjoni tassew sabiħa.

Il-bidu taż-żewġ poeżijiet jaqbel b'mod li jolqtok. It-Taljana tibda *Ei fu*, u l-oħra *Il neigeait*. Żewġ sentenzi għalihom: waħda bi tliet sillabi u l-oħra bi tnejn, mogħnija bl-istess qawwa affermativa. It-tmiem jaqbel ukoll f'dik li hi kostruzzjoni u l-ħjilijiet imfissra jaqblu daqsxejn ukoll bejniethom. F'tal-Manzoni għandna:

*Il Dio che atterra e suscita*
*Che affanna e che consola,*
*Sulla deserta coltrice*
*Accanto a lui posò.*

Waqt li f'dik ta' Hugo nsibu :

*Un jour enfin il mit sur son lit son épée.*

Iżda ż-żewġ poeti ma jittrattawx il-battalji li kellu sehem fihom Napuljun bl-istess mod. Il-poeta Taljan isemmi fejn saru bla ma jidħol fl-irqaqat u jgħid biss :

*Dall'Alpi alle Piramidi,*
*Dal Manzanarre al Reno,*
*Di quel securo il fulmine*
*Tenea dietro al baleno.*
*Scoppiò da Scilla al Tana*
*Dall'uno all'altro mar.*

Hugo jiddeskrivi wisq aktar bir-reqqa t-taqtigħat kbar tar-Russja fil-qieragħ ta' Jannar kif ukoll ta' Waterloo, ġewwa l-Belġju. F'vers f'tal-Manzoni nsibu *due volte nella polvere*, u dan jeħodna minnufih f'daż-żewġ diżastri li jsemmi l-poeta Franċiż.

Hugo jpinġilna lil Napuljun waqt il-gwerer u jagħtina ħjiel qawwi ta' bniedem kbir li dejjem baqa' sinċier miegħu nnifsu. *Mes soldats morts*, igħid l-Imperatur, u *Moi vaincu! mon empire est brisé comme verre. U Seigneurs! c'est maintenant fini!* Igħidilna għal darba tnejn x'garrab Napuljun u kemm ħadem biex jwettaq ħsebijietu. *Moscou! l'empereur était là, debout qui regardait, u stupéfait du désastre et ne sachant que croire.* L-anqas hawn ma jonqos il-Manzoni li jniżżel bil-pinna mdieħba tiegħu żewġ kelmiet li jġibulna tajjeb quddiem għajnejna lil dal-ġeneral setgħani fil-qagħda ta' għeja u niket bla tarf.

*Ahi! forse a tanto strazio*
*Cadde lo spirito anelo*
*E disperò.*

Manzoni jifraħ minn qalbu għax Napuljun miet ta' Kattoliku. Hu jgħajjat mitluf *Bella Immortal* lill-Emmna Mqaddsa. U jżid ikellimha bil-ħrara u jgħidilha :

*Scrivi ancor questo, allegrati,*
*Che più superba altezza*
*Al disonor del Golgota*
*Giammai non si chinò.*

Fid-deskrizzjoni tagħhom ta' Napuljun ġewwa l-ħabs, iż-żewġ kittieba jerġgħu jaqblu ħafna. Fil-vers : *La reggia e il tristo esiglio*, il-kelma *tristo* qiegħda fil-poeżija Franċiża fil-kelmiet qawwija :

*Il est, au fond des mers que la brume enveloppe,*
*Un roc hideux, débris des antiques volcans.*

u s-skiet imfisser fil-versi Taljani :

*Oh! quante volte al tacito*
*Morir d'un giorno inerte,*

jinsab fil-frażijiet *La mer a l'horizon* u *Des rochers nus, des bois affreux, l'ennui, l'espace.* Manzoni jikteb li fil-ħabs Napuljun ma jarax issa aktar *mobili tende* u *l'onda dei cavalli;* ma jilmaħx iżjed b'għajnejh jixħtu n-nar *plus des tambours battant aux champs* u *le cheval blanc que César éperonne.* Haseb ġewwa l-ħabs l-imperatur imsejken u ħaseb qatigħ :

*Tal su quell'alma il cumulo*
*Delle memorie scese.*

u

*Il laissait sa pensée errer a l'aventure*

igħidilna l-poeta Hugo.

Habbewh in-nies Franċiżi lil Napuljun, iżda kien hemm oħrajn li bagħduh :

*Plus vile que le pourceau qui dans l'égout se vautre,*
*Son sénat, qui l'avait adoré, l'insultait,*

waqt li min-naħa l-oħra nsibu dal-ħjiel imfisser mill-poeta Taljan fil-bidu tal-poeżija tiegħu waqt li jiddeskrivi l-Muża tiegħu,

*Vergin dì servo encomio*
*E di codardo oltraggio.*

Manzoni sab suġġett għoli biżżejjed biex fih ifawwar il-ġenju tiegħu u fir-raba' stanza jgħid li kellu ħsieb isawwar *un cantico che non morrà.*

Il-kobor tal-poeżijiet ma jinsabx biss fis-siwi letterarju tagħhom. Għandhom ukoll valur bijografiku mill-akbar għax meta naħrawhom nistgħu nsawru f'moħħna ħjiel tajjeb tal-karattru ta' Napuljun.

---

Jiena nobgħod poeżija u nbid li ma għandhomx ġisem. Hares lejn Shakespeare, Bacon u Milton; tista' tgħid li dawn kienu nies ta' immaġinazzjoni biss, u minn dawn. li ż-żewġ poeti kitbu l-poeżija tagħhom fuq ix-xejn? U l-kittieba ta' qabilhom? U, jekk jogħġbok, bint min kienet il-Muża li sejħu fix-xogħlijiet tagħhom? 'Kk ma tafx — bint il-memorja! Huma għexu fost nies oħra tad-demm u l-laħam bħalhom u għannew ġrajjiet l-imgħoddi.

(*Walter Savage Landor.*)

## MISTOQSIJIET

*Tgħid għax inħobbok, kewkba ċkejkunija?*
*Għaliex fl-iljieli nħares lejk fiss, fiss?*
*Kemm kwiekeb hemm jirbħulek fis-sbuħija;*
*Għaliex jien moħħi msammar fuqek biss?*

*Ma rajtx f'xi lejla minn ta' Mejju sbejħa,*
*Lil tfajla tishar, tħares dejjem lejk;*
*B'dak wiċċha ħlejju, bħallikieku f'sejħa*
*Li hija ttir 'il fuq sa tasal ħdejk?*

*Għalhekk inħobbok, kewkba ċkejkunija;*
*Għalhekk bil-lejl mhux ħarsa biss nagħtik*
*Għax naf li hemm it-tfajla tas-sbuħija*
*Li qiegħda wkoll b'għajnejha msammra fik.*

*U hi b'ħarsitha fik tkun toħlom fija,*
*U jiena fiha—kewkba ċkejkunija.*

ANTOINE DEPARES.
(Student, Kors tax-Xjenza).

---

## NOTTURN II

*Xħin taqta' l-għatx tal-ġisem,*
*ħabib, la tixrobx aktar,*
*għax wara x-xorb iż-żejjed*
*tiġi l-qrusa fil-ħalq, fil-qalb id-dieqa.*

*Kollox bil-qies is-sewwa ;*
*il-Ħażen wara l-ikla*
*ikollu l-ġuħ ta' qabel,*
*għax bir bla qiegħ il-lupa tad-dnub tagħna.*

*Wara t-tbahrid il-gdiedem,*
*wara l-bews il-mibegħda,*
*u dik l' għannaqt fl-għaxija*
*tistmell il-kruh ta' wiċċha f'dawl il-għada.*

*Ġenbejk iħossu t-toqol*
*tal-għejja ta' l-imħabba,*
*u t-tfal li tnisslu f'sakra*
*ikarkru ma' saqajk donnhom katina.*

18-7-45 MARĊELL MIZZI.

# *KLIEM U ĠĦIDUT IT-TFAL*

(*Studju Folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(*Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 185-187*)

*QAJŻU* : Qażquż; maħmuġ. Vassalli (p. 399) ifisser dil-kelma bħala *vox qua vocatur porcus* u De Soldanis (p. 280) "*si dice da' porcari alli soli porci e vale 'Va via'*". L-ebda wieħed minn dawn it-tnejn ma jgħid li hi kelma tat-tfal, imma Caruana (p. 394) isemmi li hi "*d'uso piuttosto fanciullesco*". Falzon (Ed. 1845, p. 200) jagħti sew *qajż* "a word used to call hogs" u *qajżu* "a small pig, a boyish word". Flok *qajżu* ġie li tisma' *qiżżu*. Sal-lum għadna nisimgħu l-ommijiet igħidu lil uliedhom "X'int qajżu!" i.e. x'inti maħmuġ!

*QEQQE'* : Daqqa, xebgħa. Lit-tfal meta joqogħdu mqarbin igħidulhom "Ha ntiha qeqqè" i.e. Ha nsawwatha.

*SARANGU* : L-Iswed, il-Babaw. Igħidu "Ara jiġi Sarangu għalik!"

*SINNUNA* : Diminutiv ta' *sinna*, u tfisser *sinna żgħira*. Diġà fissirna kif il-vokali twila *u* hija karatteristika ta' forma ta' diminutiv fil-Malti li tagħha għad għandna xi fdal biss. Wara li taqsam is-snien, tisma' min igħid lit-tarbija "Ha nara s-sinnuni."

*SULU SULU* : L-istess ħaġa bħal *ħajdu ħajdu* (q.v.) Biss *ħajdu* (dim. ta' *waħdu*) hija bil-Malti, waqt li *sulu* hija kelma romanza mill-Isqalli.

*TA* (*tà*) jew *TATA* (*tâta*) : Missier. Tingħad b'żegħil lit-tfal. Tinsab fil-vers "Ġej it-tâta ġej", li ġibna taħt il-kelma *bannozzi* (q.v.). Ta' min isemmi li De Soldanis (p. 472) jikteb hekk fuq din il-kelma : "*Il vocabolario della Crusca spiega questa voce secondo l'uso d'Italia in Fratello e Sorella.*"

*TATA'* (*tatà*) : Saħħa! Waħda mill-ewwel kelmiet li titgħallem it-tarbija. Tisma' "Agħmillu tatà".

*TAJ* : Bonelli jgħid li dil-kelma "*dicesi quando uno per ischerzo davanti il bambino, copertasi la faccia colla mano, si scopre improvvisamente*". Kelma li għadha tingħad ħafna mit-tfal, aktarx flimkien mal-kelma *tula* (q.v.) Caruana u Falzon ma jagħtuhiex fid-dizzjunarji tagħhom. De Sol-

danis (p. 466) jikteb hekk fuq dil-kelma: "*Si proferisce da ragazzini fingendo di nascondersi dietro qualche muretto; uno di questi poscia dice al compagno o compagni 'Taj'. Potrebb'essere che la voce sia rimasta presso questi da un antico giuoco amoroso tutto a questo simile che anticamente faceva Thais, famosa meretrice Alessandrina, la quale usava così poco a poco farsi vedere, credendo in questa forma allettare la gioventù Ateniese all'impudico amore*". Ta' min isemmi li hawnhekk De Soldanis ma jagħtix il-kelma *taj* waħedha, imma mtennija *taj taj*, u Vassalli wkoll (p. 91) taħt *tej tej* ifissirha "*Ludus in quo pueri lusitantes se abdunt, ut alii difficile invenire possint.*"

*TETU*: Kelb. Ġie li titqassar u ssir *tè* biss. De Soldanis. (p. 481) jagħti *tete* li hi "*voce dei bambini chiamata pe' cani mostrando loro cosa comestibile.*"

*TULA*: Kelma li fis-sens tagħha taqbel ma' *taj* u tfisser mistoħbija. Hija wkoll isem ta' logħba fost it-tfal, logħba li f'Ħal Tarxien tissejjaħ *Tulè*, f'Ħal Luqa *Twila-là* u f'ħafna bnadi oħra ta' Malta u Għawdex *Noli*. Taħt *tula tula* De Soldanis (p. 495) jikteb: "*specie di giuoco che i bambini vi fanno; uno nascosto dall'altro appena si faccia vedere per essere più ricercato*". Bonelli (*Arch. Glott. It.* p. 50) jagħti *tula taj*: *giuoco fanciullesco consistente nel coprire scoprirsi successivamente la faccia, oppure nel celarsi e ricomparire*". Ismijiet ta' logħbiet oħra tat-tfal fejn tidħol il-kelma *tula* huma *Tula Bott*, *Tula Ħadid*. F'din it-taqbila ħafifa li jiena ġbart minn Birkirkara niltaqgħu sew mal-kelma *taj* kemm mal-kelma *tula*:

"Tula w itri tula,
Żewġ nagħġiet jagħmlu għabura;
Taj w itri taj
Mara xiħa tmut malaj'."

*TUTTU* (*tuttuwa*): Żiemel. Ġie li jqiegħdu lit-tfal fuq irkubbtejhom u jqammsuhom biex bħal kieku qegħdin fuq iż-żiemel u jgħidulhom.

"Ħarra, ħarra
San Girgor!
Bit-tuttuwa ta' Sidor
Ħarra ħej! Ħarra ħej!"

Fi Sqallija lit-trabi jagħmlulhom l-istess; biss il-kliem ma jaqbilx ma' tagħna. Imma xi tixbiħ fil-bogħod insibu bejn l-ewwel żewġ versi tat-taqbila tagħna u l-ewwel tnejn ta' din minn Napli:

"Arri, arri, cavalluccio
Ce ne iammo a Marcugliano".

u f'din l-oħra li jagħtina l-Pitrè ma' oħrajn fil-*Giuochi Fanciulleschi Siciliani* (Torino-Palermo, 1883, pp. 51-43)

"Arri, arri, cavallino,
Piglia la soma e va al mulino..."

Fit-taqbila tagħna, li nsibuha mogħtija minn Bonelli, tolqotna l-kelma *tuttuwa*. De Soldanis (p. 495) jagħti biss *tuttuwa* u jfissirha hekk: "*animale come cavallo, asino et altro simile da potersi cavalcare.*"

*TETTA*: L-istess bħal *intetti* (q.v.) Falzon (p. 426) ifissirha: "to strike—a childish term", u Caruana (p. 478) "*verbo vezzeggiativo, adoperasi parlando coi fanciulli; percuotere, bastonare*".

*TIKITIKKI*: Arloġġ. Dil-kelma smajtha Tas-Sliema u tidher imsawwra biex turi t-tektik ta' l-arloġġ.

*TITI*: Gażaża. Ma ssibhiex fid-dizzjunarji qodma. Daħlet mill-Ingliż *teat* u billi fil-kliem li ġej mill-Ingliż lit-tfal aktarx iżidulhom *i* għall-ħewwa tal-leħen, din saret *titi* bħal *doggie* minn *dog* u *piggy* minn *pig*. B'hekk il-kelma ġiet iktar ħafifa għal-leħen għax hemm sillaba mtennija *ti-ti*.

*TUTU* (*tútu*): Bonelli jfisser dil-kelma "ħut".

*TUMBA*: Sewwa sew *tumba* jew *tomba* tfisser tagħti bil-qrun u aktarx li l-verb *jittomba* jingħad għan-nagħaġ meta jaħbtu għal xulxin bir-ras. Lit-trabi ngħidulhom "agħmel tumba" biex inħajruhom iħabbtu ħafif ħafif rashom ma' tagħna.

*VAVA*(*U*): Tifla jew tifel. Ara l-qawl li ġibna taħt *mamma*. De Soldanis (p. 478) jikteb hekk: "*questo nome si pronuncia da bambini; quando trattano con altri bambini vicendevolmente si chiamano 'vava'. Anche le madri per dir loro che vi sia un ragazzo lo chiamano 'vavu'.*" Vassalli (p. 663) jagħti t-tifsira "*pupa, pupus*; it. *bambola, bambolo*". Ara wkoll x'għedna taħt *babu*.

(*Fadal*)

# RECENSJONIJIET

**"L-EWWEL GHANA"** ta' Wallace Gulia — 2s. — Times of Malta, 1947.

Tnejn u erbgħin poeżija miġbura fi ktieb ta' 75 paġna jagħmlu flimkien l-*Ewwel għana* ta' Wallace Gulia. Huma l-ewwel għanjiet ta' student żagħżugħ li għandu għal qalbu s-sabiħ u jixtieq iqanqal f'ħadd ieħor l-imħabba lejn il-ġmiel li jħoss huwa nnifsu.

Żgħożija! Imħabba! Idijali! — Fuq dawn tinbena l-poeżija ta' Gulia, l-għanjiet li huwa jsemmagħalna "bil-ħeġġa tat-tgawdija li tferraħ il-ħolqien." Biex nilħqu l-idijali tal-ħajja jeħtieġ ninħallu mill-ktajjen tal-konvenzjonijiet tad-dinja li jagħfsuna "b'irbit ta' fehmiet xwejħa li raw issnin." Jidher ċar li Gulia wieġeb għas-sejħa ta' Pisani fil-*Għid taż-Żgħożija*; iddakkar sewwa mill-ispirtu ta' qlubija li jġagħlu jċekken it-tfixkil u ma jarax il-kruha ta 'l-ikrah. Irid ix-xemx ta' Mejju biex jiġri kemm irid iqalb l-aħmar tal-pepprin, u biex il-qalb ma tibqax vojta jeħtieġ timtela bl-Imħabba. Twila t-triq, u kerha; imma mhux b'daqshekk neġgħu lura. Le!

*"Nibqgħu sejrin*
*bit-tama qawwijin*
*li għad noħorġu rebbeħin."*

Dan l-ottimiżmu jaħbat waqtiet jintefa minn dell ta' swied il-qalb li donnu waqa' kmieni wisq fuq Gulia biex ikun ġenwin għalkollox. Imma jista' jkun li dan ġej min-nuqqas ta' l-esperjenza tal-ħajja li, kif qal il-Professur Aquilina, Gulia għadu ma ġarrabx. Li ma kienx hekk kieku kif taqbad tfissirha dik li wieħed li għadu "d'ieħel fiż-żgħożija" jħoss telqa mejta ma' ġismu kollu u l-ispirtu jinfexx fl-għajta "Għajjien, Mulejja, nħossni!" Mhux xieraq li min iħeġġiġna biex qatt ma naqtgħu qalbna minn xejn iħossu mirbuħ meta għadu kemm kemm beda jiġġieled, u jixtieq "ixerred dmugħ jaħraq u jġelben". Imma jekk tara l-poeżiji kollha ssib li jekk għandu xi ħaġa x'igħidilna, Gulia jrid li aħna nħarsu dejjem 'il fuq. Bħal *Rabbi Ben Ezra* jgħidilna *"Look not thou down, but up!"*

Għoġbuna ż-żewġ ballati fuq San Luċjanu u fuq is-*Susan ta' l-Egħjun*. Laqatna wkoll l-ispirtu ta' patrijottiżmu li jqanqal il-poeżija *Lill-Għannejja tal-Wied*—spirtu mħeġġeġ mill-poeżija ta' Dun Karm li b'riħitha Gulia huwa wieħed, kif jikteb f'*Lil Malta*, miż-żgħażagħ imġenna jġerru s-sħer ta' l-ilwien ħomor u bojod li nibtu mill-għana mfawwar ta' l-akbar poeta Malti, Dun Karm.

*L-Ewwel Għanjiet!* Issa *l-ewwel* ifisser bidu, u l-Malti jgħidilna "Kull mibdi mitmum". Gulia beda tajjeb u nittamaw li meta, kif qal il-Prof. Aquilina, jintrefa' ċ-ċpar ta' qabel is-sebħ, il-muża ta' Gulia tgħaxxaqna bi ġmielha u bi ħlewwietha għall-ġid ta' Malta u l-Poeżija Maltija.

G. C. P.

# MOVIMENT TAL-MALTI

## TAGHRIFA UFFIĊJALI 2/47

(Maħruġa għall-informazzjoni ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi; il-Gvern, l-Organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ; il-Pubbliku u l-Istampa).

1. FUNDATURI: Bro. Amedy Charles u Kelinu Vella Haber.
2. QADDIS PROTETTUR: San Ġwann Battista De La Salle.
3. XEMPJI: Mikiel Ant. Vassalli u l-Kan. G.P.F. Agius De Soldanis.
4. MEXXEJ GENERALI (Attwali): Kelinu Vella Haber.
5. ISEM: Moviment tal-Malti.
6. GHAMLA: Subien u tfajliet mit-12-il sena 'l fuq magħqudin f'Fergħat għalihom skond il-ġens tagħhom. (Regulamenti oħra jaħsbu biex Membri li jilħqu ċerta età jgħaddu għat-Taqsima tal-Membri Qodma).
7. HSIEB: It-tixrid u t-tagħlim ta' l-Ilsien Malti u kull ħaġa ta' ġieħ għal Malta fix-xjenza, arti, ċittadinanza tajba, edukazzjoni in ġenerali u t-twemmin Nazzjonali.
8. GHODOD: L-għodod tal-Moviment jeħtieġ li jkunu perfettament legali; dawn iħaddnu xandir letterarju; laqgħat akkademiċi; il-palk Malti; sports; xalati u żjajjar ta' tagħlim; konferenzi; dibattimenti ta' studju u konkorsi letterarji.
9. PULITKA: Taħt l-ebda ċirkustanza ma jista' l-Moviment jindaħal fil-pulitka. (Regulamenti oħra jipprovdu għat-tkeċċija ta' xi Membri li jkunu regħxu t-twemmin Nazzjonali tagħna u l-Ilsien Nazzjonali).

### FATTI OHRAJN

a) Bħalissa l-Moviment għandu 20 Fergħa li minnhom 16 huma tas-subien u 6 tat-tfajliet. Kull Fergħa għandha l Mexxej u l-Kumitat tagħha.

b) Il-Moviment għandu Kunsill magħmul mill-Mexxejja, Presidenti u Segretarji tal-Fergħat.

c) Il-Moviment għandu Konferenza tal-Mexxejja tal-Fergħat.

d) L-għadd totali tal-Membri hu bħalissa bejn is-600 u s-700; Membri ġodda jiġu irrappurtati kull xahar lill-Kunsill u ma nistgħux ingħidu l-għadd totali preċiż billi membri ġodda gejjin bl-għexieren.

e) Il-Moviment għandu Delegati fil-Kunsill Ċentrali tal-Malti.

f) Il-Moviment għandu żewġ Delegati fl-Assemblea Nazzjonali.

g) Ħafna Fergħat ġà għażlu d-Direttur Spiritwali tagħhom.

h) Bħal issa l-Moviment qed jagħti żewġ xandiriet letterarji kull ġimgħa minn fuq ir-Rediffusion; dawn jinkludu "sketches u radio-plays".

i) Ma aħna qegħdin nirċievu l-ebda għajnuna finanzjarja minn l-ebda naħa; biss niżżu ħajr lill-Kumpannija tar-Rediffusion għall-onorarju li tagħtina tax-xandiriet tagħna.

j) Il-ġenituri tal-Membri tagħna japprovaw bl-akbar ħeġġa li wliedhom jinsabu fil-Moviment u sikwit jiktbulna sabiex jinkoraġġuna.

k) Il-Fergħat tagħna jiltaqgħu fil-każini tal-baned u f'każini oħrajn li jkunu addattati għalihom.

l) Dak li bħalissa l-aktar neħtieġu huwa: a) Fondi għall-Moviment, u b) "Head-quarters" il-Belt. Kull għajnuna tant morali kemm finanzjarja tiġi milqugħa bl-akbar ferħ u gratitudini.

*TAGHRIFA*: Huwa l-ħsieb tagħna li jkollna żewġ Fergħat f'kull raħal jew Belt. Subien u bniet li jixtiequ jissieħbu, huma mitluba li jiktbu lill-Mexxej Generali iffirmat hawn taħt, f'Nru. 63, Triq Reid, il-Gżira.

24. 2. 47.

(Ft.) K. VELLA HABER,
*Mexxej Generali Ko-Fundatur.*

**ALL SORTS OF EDUCATIONAL**

AND

**ECCLESIASTICAL BOOKS**

CAN BE OBTAINED FROM

# A.C. AQUILINA & Co.,

**58d, KINGSWAY — VALLETTA.**

(TEL. CENTRAL 4774).

---

## *"Min ma jafx il-Kotba Mqaddsa ma jafx 'il Kristu".*

**SAN ĠILORMU.**

Il-Bibbja hi kelmet Alla miktuba, hija l-Ittra mibgħuta lilna mill-Mulej. Fiha nsibu l-Veritajiet Eterni biex nitqaddsu u nitwieldu f'Alla.

Kelmet Alla nkitbet darba f'ilsien wieħed miftiehem biss dak iż-żmien minn nies li fosthom kienu jgħixu l-Kittieba Mqaddsa. Għalhekk ħtieġ li jinqalbu f'bosta Ilsna biex jiftiehmu minn kulħadd... Aħna l-Maltin madankollu qatt ma stajna naqraw il-Bibbja fi Lsienna qabel ftit tas-snin ilu fi traduzzjonijiet ta' dilettanti mil-Latin.

Issa, il-W. R. Mons, Prof. P. P. Saydon, B.Lit., B.L.Can., D.D., Lic. S.S., qed jaqleb fil-Malti l-**KOTBA MQADDSA** kollha dritt mill-Ilsna oriġinali b'sabar u għaqal liema bħalu.... xogħol tqil ħafna. Neħtieġu l-għajnuna tiegħek. Agħti ismek u għid li trid tieħu kull ktieb meta joħroġ (iqum bejn 1s. u 2s.) lill-:

**"GĦAQDA TA' QARI TAJJEB",**

**(Bibbja),**

**IS-SEMINARJU — IL-FURJANA.**

*Solve all your Gift Problems with*

# Parker Duofold





## THE WORLD'S FINEST FOUNTAIN PEN

*Made Within the Empire.*

There is no present you can give with greater certainty that it will please than Parker Duofold; no gift that so happily combines modern elegance with lifetime usefulness.

Parker Duofold is available in six sizes, five beautiful colours, with a nib for every style of writing,
Duofold

**OBTAINABLE AT:**

**The Criterion**

**34, KINGSWAY — VALLETTA.**

Stampat fid-Dar ta' S. Gużepp—Hamrun.